**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 150/2007**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Christopher Schembri**
**(ID 462375(M))**

**Illum: 31 ta' Ottubru, 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Christopher Schembri** ta' 31 sena, iben George u Carmen nee` Cassar, imwieled il-Pieta` nhar il-15 ta' Settembru 1975, residenti 'Phyliss House', Government Housing Estate, Ħamrun jew Flat 1, Block Q, Bini tal-Gvern, Ħamrun, u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 462375(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, nhar is-26 ta` Lulju 2005, u fix-xahar ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda:

a) Assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħ jew jittraffika mediċina (eroina) f'dawn il-Gżejjer, kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-liġijiet ta' Malta, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-istess assoċjazzjoni;

b) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenza mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija titratta mal-imputat Christopher Schembri bħala reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 19 ta' April 2001, fejn ġie kundannat sitt (6) snin ħabs u multa ta' għaxart elef Lira Maltin (Lm10,000).

Rat illi din il-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri tal-1 ta' Frar 2013;

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), datat 11 ta' April 2007, sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1];

Rat illi fis-seduta tat-30 ta' April 2013, id-difiża ddikjarat illi kienet qed teżenta lil din il-Qorti milli terġa' tisma' l-provi ammissibbli fil-liġi[2], kif ukoll illi fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2011, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi kienet qed teżenta lill-Qorti kif preseduta milli terġa' tisma' mill-ġdid il-provi mismugħa fil-kawża sa dakinhar quddiem din il-Qorti kif diversement preseduta[3];

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Lulju 2014[4], wara t-talba tad-difiża fis-seduta tas-6 ta' Diċembru 2013 sabiex din il-Qorti tordna l-isfilz ta' Dok. FX 2 ossia l-proċess verbal redatt mill-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera[5], in-nota tal-istess imputat tal-5 ta' Marzu 2014, li permezz tagħha huwa rrefera mhux għall-

[1] Ara a fol. 7 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 160 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 162 tal-proċess.
[4] Ara a fol. 178 *et seq* tal-proċess.
[5] A fol. 163 tal-proċess.

proċess verbal redatt mill-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera, iżda għall-proċess verbal redatt mill-Maġistrat Dr. Miriam Hayman, Dok. FX 1[6], u r-rikors tal-imputat tat-3 ta' Lulju 2014 fejn talab l-isfilz taż-żewġ proċessi verbali msemmija[7], permezz ta' liema digriet, għar-raġunijiet hemmhekk indikati, il-Qorti ċaħdet din it-talba;

Rat id-digriet tagħha tal-1 ta' Lulju 2015, wara r-rikors tal-imputat tas-26 ta' Marzu 2015 fejn għar-raġunijiet hemm indikati, talab lill-Qorti sabiex ma tapplikax l-Artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali kif emendat[8], permezz ta' liema digriet il-Qorti ġibdet l-attenzjoni tad-difiża għad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta[9];

Rat illi wara r-rikors tal-imputat tat-30 ta' Novembru 2015, li permezz tiegħu fit-termini tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta huwa talab illi din il-Qorti tirreferi l-materja mertu tal-istess rikors lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) u dan sabiex jiġi deċiż jekk il-posizzjoni li ħadet din il-Qorti bid-digriet tagħha tal-1 ta' Lulju 2015 hijiex leżiva tad-drittijiet fundamentali tal-imputat kif sanċiti fl-Artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni[10], b'digriet tagħha tad-29 ta' Frar 2016 din il-Qorti ddikjarat it-tqanqil tal-kwistjoni sollevata mill-imputat fl-istess rikors tiegħu bħala sempliċiment frivola u vessatorja għall-finijiet tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4(3) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk ċaħdet it-talba tiegħu sabiex issir ir-referenza minnu mitluba lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali)[11];

Rat illi minkejja li mill-atti proċesswali jirriżulta illi ngħataw sentenzi mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) u mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet 'Christopher Schembri vs L-Avukat Ġenerali et' wara rikorsi tal-imputat li permezz tiegħu qajjem il-lanjanzi sollevati minnu fir-rikors intavolat quddiem din il-Qorti nhar it-30 ta' Novembru 2015[12], u minkejja illi din il-Qorti ordnat illi jitħarrek ir-Reġistratur sabiex jesebixxi vera kopja tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, dan baqa' ma sarx. Madankollu l-Qorti qed tieħu *judicial notice* tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet 'Christopher Schembri vs L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija' tas-27 ta' Ottubru 2017;

---

[6] Ara a fol. 167 sa 169 tal-proċess.
[7] Ara a fol. 175 u 176 tal-proċess.
[8] Ara a fol. 197 sa 199 tal-proċess.
[9] Ara a fol. 206 tal-proċess.
[10] A fol. 208 sa 210 tal-proċess.
[11] Ara dan id-digriet a fol. 218 sa 229 tal-proċess.
[12] Ara r-rikors tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u l-verbal tal-Qorti Ċivili Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fl-udjenza tal-24 ta' Mejju 2016 , a fol. 231 u 232 tal-proċess; ir-rikors tal-imputat, a fol. 234 tal-proċess u l-verbal ta' din il-Qorti tad-29 ta' Jannar 2018, a fol. 240 tal-proċess.

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' April 2018[13], li permezz tiegħu ċaħdet it-talba tal-imputat fir-rikors tiegħu tas-17 ta' April 2018 sabiex prevja li tisma' x-xhieda li kien bi ħsiebu jressaq in sostenn tal-istess talba, tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta;[14]

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Appell Nru. 220/2018) fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma) vs Christopher Schembri' datata 6 ta' Frar 2020, li permezz tagħha *inter alia* caħdet it-talba tiegħu sabiex tħassar, tirrevoka u tikkanċella d-digriet ta' din il-Qorti tad-19 ta' April 2018[15];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni ippreżentata fis-seduta tal-15 ta' Ġunju 2020[16], kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat ippreżentata fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2020[17], kif ukoll illi fl-istess seduta l-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx iżjed x'iżidu mas-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub[18];

Rat in oltre in-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri tal-imputat intavolata fil-25 ta' Awwissu 2020[19] u n-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-Prosekuzzjoni ntavolata fid-9 ta' Settembru 2020[20], id-digriet tagħha tad-9 ta' Novembru 2020, li permezz tiegħu ordnat notifika ta' din l-aħħar nota lill-imputat bil-fakulta` illi jwieġeb għall-istess fi żmien ġimgħa[21] u dak ivverbalizzat mill-avukat difensur tal-imputat fis-seduta tal-24 ta' Frar 2021, fis-sens illi ma kellux x'iżid wara n-nota responsiva tal-Prosekuzzjoni[22];

Rat in oltre illi wara r-rikorsi tal-imputat tal-4 ta' Mejju 2021 u tal-25 ta' Frar 2022 rispettivament[23], il-Qorti semgħet ukoll xhieda ulterjuri kif mitlub minnu[24];

Rat in oltre illi fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2022, il-partijiet iddikjaraw illi ma kienx hemm il-ħtieġa li jitrattaw ulterjorment wara li nstemgħu l-imsemmija xhieda[25].

Rat illi din il-kawża tinsab differita għas-sentenza għal-lum.

---

[13] Ara a fol. 243 tal-proċess.
[14] Ara dan ir-rikors a fol. 241 u 242 tal-proċess.
[15] Ara a fol. 269 sa 273 tal-proċess.
[16] Ara a fol. 283 u 284 tal-proċess.
[17] Ara a fol. 286 sa 294 tal-proċess.
[18] Ara a fol. 285 tal-proċess.
[19] A fol. 296 tal-proċess.
[20] A fol. 298 tal-proċess.
[21] A fol. 305 tal-proċess.
[22] A fol. 306 tal-proċess.
[23] A fol. 307 u 315 tal-proċess rispettivament.
[24] Ara a fol. 317 tal-proċess
[25] Ara a fol. 317 tal-proċess.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mori tal-proċeduri odjerni, ġew esebiti mid-Deputat Reġistratur **Francis Xavier Mangion** żewġ proċessi verbali – wieħed dwar '*Sejba ta' trab ta' kulur kannella fuq CO 36 Raymond Gerada fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin fis-26 ta' Lulju 2005*'[26] redatt mill-Maġistrat (illum Onor. Imħallef) Dr. Miriam Hayman (Dok. FX 1) u ieħor dwar '*Sejba ta' droga fuq il-persuna ta' Raymond Gerada, gwardjan l-habs bin-numru CO 36 fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin nhar is-sitta u ghoxrin ta' Lulju 2005'*[27] redatt mill-Maġistrat (illum Onor. Imħallef) Dr. Consuelo Scerri Herrera (Dok. FX 2), kif ukoll Dok. FX 3 konsistenti f'esebit bin-numru K/B/418/05 kontenenti borża żgħira tal-plastik trasparenti li fiha trab ta' lewn kannella allegatament droga.[28]

Mill-proċess verbal immarkat bħala Dok. FX 1, jirriżulta illi l-Maġistrat Inkwirenti l-Maġistrat Dr. Miriam Hayman ħatret lis-segwenti esperti sabiex jassistuha fl-istess inkjesta ossia lil **Perit Valerio Schembri**, lil **Godwin Sammut**, lil **PS 1336** u lil **PC 1184**.

Il-Qorti tinnota illi għalkemm skont l-istess proċess verbal, il-Maġistrat Inkwirenti kellha għad-disposizzjoni tagħha r-relazzjoni ta' PS 1336 J. Micallef u PS 1184 P. Grech u minkejja wkoll illi jirriżulta mill-istess atti tal-proċess verbal illi kemm PS 1184 Patrick Grech, kif ukoll PS 1336 Jesmond Micallef ħalfu li qdew onestement u fedelment l-inkarigu lilhom mogħti nhar id-9 ta' Awwissu 2005, din ir-relazzjoni ma tinsabx esebita fl-atti tal-proċess verbal; dan x'aktar b'riżultat tal-fatt li min kien inkarigat illi jagħmel il-kopja fotostatika tal-oriġinali baqa' m'għamilx kopja ta' din ir-relazzjoni. Madankollu, kif ser jirriżulta 'il quddiem, din ir-relazzjoni ġiet eventwalment esebita fl-atti tal-proċeduri odjerni.

Mill-proċess verbal immarkat bħala Dok. FX 2, jirriżulta illi nhar is-27 ta' Lulju 2005, il-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera semgħet lil **Raymond Gerada** jikkonferma bil-ġurament tiegħu l-istqarrija rilaxxjata minnu nhar is-26 ta' Lulju 2005, in konnessjoni mal-istess każ, liema stqarrija ġiet esebita quddiem l-istess Maġistrat mill-**Ispettur** (illum Assistent Kummissarju) **Dennis Theuma** fl-istess jum.[29] Jirriżulta mill-istess xhieda, kif ukoll mill-istqarrija, illi Gerada rrilaxxja l-istess stqarrija wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi. Fix-xhieda tiegħu, l-Ispettur Dennis Theuma esebixxa wkoll faxxikolu kontenenti tmien ritratti bħala Dok. DT 1, u jixhed illi Gerada għaraf lil Christopher Schembri magħruf bħala 'r-Rambo', kif ukoll Dok. CSH 1 li jikkontjenti l-ismijiet tal-

[26] Ara a fol. 15 tal-proċess.
[27] Ara a fol. 15 tal-proċess..
[28] Ara a fol. 10 tal-proċess.
[29] Ara Dok. CSH fl-istess proċess verbal.

persuni li jidhru fuq Dok. DT 1. Huwa esebixxa wkoll faxxikolu kontenenti tmien ritratti bħala Dok. DT 2 u jixhed illi hawn Gerada għaraf lil Joseph Vella magħruf bħala 'l-Litz', kif ukoll Dok. CSH 2 li jikkontjeni l-ismijiet tal-persuni li jidhru fuq Dok. DT 2.

Illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu nhar is-26 ta' Lulju 2005, **CO 36 Raymond Gerada** jgħid illi huwa jaħdem bħala gwardan il-ħabs u illi kien ilu jaħdem hemmhekk, f'din il-kariga, għal dawk l-aħħar tnax-il sena. Huwa qatt ma ħa droga. Mistoqsi dwar il-borża tal-plastik bi trab kannella li nstabet fil-kartiera tiegħu dakinhar filgħodu kmieni waqt li kien dieħel għax-xogħol, huwa jwieġeb illi l-bieraħtlula [u għalhekk nhar l-24 ta' Lulju 2005] ċertu Joseph Vella, magħruf bħala l-Litz, li dak iż-żmien kien priġunier fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, qallu illi r-Rambo ried ikellmu fuq xi *mudguard* ta' karozza għat-tiswija. Dan tah in-numru tal-*mobile* tar-Rambo u qallu biex iċempillu. Jgħid ukoll illi huwa ċempillu l-għada [jiġifieri fil-25 ta' Lulju 2006] darbtejn għaliex l-ewwel darba ma rrispondiehx. Irrispondieh għall-ħabta tat-8.15 p.m., u dan qallu li ried jiltaqa' miegħu biex ikellmu, iżda ma qallux dwar x'hiex u meta staqsa, dan qallu li kien se jgħidlu meta jiltaqgħu. Ftehmu li jiltaqgħu ftit wara d-9.00 p.m. ġewwa Bir id-Deheb ħdejn ix-*showroom* ta' Montebello tat-*tyres*, hekk għamlu u l-ieħor kien waħdu, b'karozza kulur aħmar jew *maroon*, qisha tip ta' Renault, iżda ma ftakarx in-numru ta' reġistrazzjoni tagħha. Jgħid ukoll illi meta dan ħareġ mill-vettura, huwa kien għadu fil-vettura tiegħu, mar mill-ewwel ħdejn it-tieqa tiegħu u talbu sigarett u "*qabad w tefali borza tal-plastik bi trab kannella go fiha w maghha hamsin liri karti tal-ghaxriet. Qalli biex il-borza bit-trab intiha lill Guzi il-Litz w telaq.*" Jgħid ukoll illi huwa kien jaf illi r-Rambo proprja jismu Christopher Schembri u illi kien jafu għaliex dan kien għamel xi snin il-ħabs in konnessjoni ma' droga. Mistoqsi kienx hu li talbu l-ħamsin lira, huwa jinnega dan u jgħid illi dan lanqas tah ċans jitkellem u illi dan qabad u tefagħhomlu fil-vettura. Jgħid ukoll illi huwa rrealizza illi din kienet droga, għalkemm ma kienx jaf x'inhi għaliex qatt m'għamel użu minnha. Jgħid ukoll illi Joseph Vella qatt qabel ma kien kellmu fuq Schembri, u illi minn meta dan tal-aħħar ħareġ mill-ħabs qatt ma kien għamel kuntatt miegħu qabel dakinhar u illi qatt ma kienu ltaqgħu, lanqas b'kumbinazzjoni. Jgħid in oltre illi din kienet l-unika darba li daħħal xi ħaġa llegali ġewwa l-ħabs. Mogħti l-*mobile phone* tiegħu mill-Uffiċjal Investigatur sabiex isib in-numru ta' Christopher Schembri li kien tah il-Litz, huwa jgħid illi dan kien 7900 2832 u illi kien imniżżel taħt l-isem 'Rambo'. Jgħid ukoll illi meta Schembri kien il-ħabs, dan kien jgħid illi huwa kien miżżewweġ lit-tifla tal-Litz. Jgħid ukoll illi fuq suġġeriment illi din ma kinitx l-ewwel darba illi l-Litz talbu biex ikellem lil Schembri, jgħid illi kien hemm bejn erba' u ħames okkażjonijiet oħra li l-Litz kien qallu biex iċempel lil Schembri għax kellu xi xogħol fuq xi karozzi għalih, iżda huwa qatt ma kien ċempillu. Jgħid illi dakinhar ċempel lil Schembri sabiex il-Litz ma joqgħodx jeqred. Qatt ma kien għamel jew kien se jagħmel xogħol fuq karozzi għal ex-priġunieri u din kienet se tkun l-ewwel darba.

Meta ssuġġerit lilu illi Lm 50 kienu ftit għar-riskju li kien se jieħu, huwa wieġeb illi dak il-ħin huwa ħa l-borża u l-flus u ma qies xejn. Ir-Rambo ħasdu u ħallieh mingħajr kliem. Jgħid illi huwa assenjat ġewwa Diviżjoni 4 u illi l-Litz kien qiegħed fid-Diviżjoni li qabel kienet tan-nisa. Ġieli kien assenjat f'din il-diviżjoni, iżda kien ilu qrib sena ma jaħdem hemm. Meta kien il-ħabs, Schembri kien f'Diviżjoni 2 u illi hu ġieli ħadem hemm, imma mhux ta' spiss. Jgħid ukoll illi kien jaħdem kullimkien. Mistoqsi jgħid kif Schembri u l-Litz kienu saru jafu li huwa jagħmel xogħol *part-time* ta' *sprayer* fuq vetturi, huwa jgħid illi ġewwa l-ħabs kien ilu jagħmel dan ix-xogħol u kulħadd kien jaf u illi huwa ġieli għamel xogħol għall-fizzjali wkoll. Mistoqsi għalfejn jaħseb li l-Litz kien talab lilu u mhux lil ħaddieħor sabiex jagħmel xi xogħol għal Schembri, huwa jgħid illi ma kienx jaf, illi huwa kien sempliċiment lavrant, u illi x-xogħol kien se jagħmlu l-imgħallem fil-garaxx tiegħu, filwaqt illi huwa kien se jaqla' xi ħaġa tax-xogħol *part-time* li kien se jagħmel. Jinnega illi dan kellem lilu għaliex huwa ġieli daħħal affarijiet għalih il-ħabs qabel dakinhar u jgħid illi huwa qatt ma daħħal xejn. Jikkonferma li kien jaf li l-Litz u Schembri kienu l-ħabs fuq akkużi ta' droga. Huwa għaraf lil Christopher Schembri magħruf bħala r-Rambo fir-ritratt bin-numru 5 fuq Dok. DT 1, li ġie muri lilu, bħala l-persuna li kienet tatu l-ħamsin lira Maltin u l-borża bid-droga sabiex jagħtiha lil Joseph Vella, il-Litz, kif ukoll lil Joseph Vella fir-ritratt bin-numru 3 fuq Dok. DT 2.

Fix-xhieda tiegħu quddiem il-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera nhar is-27 ta' Lulju 2005, imbagħad, wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, **Raymond Gerada** jikkonferma illi l-istqarrija Dok. CSH kienet l-istess stqarrija li rrilaxxja hu lill-Uffiċjal Investigattiv fil-jum ta' qabel u kkonfermaha fl-intier tagħha. Fl-istess xhieda huwa reġa' għaraf lil Christopher Schembri fuq ir-ritratt numru 5 f'Dok. DT 1 u lil Joseph Vella fuq ir-ritratt numru 3 f'Dok. DT 2. Jgħid ukoll illi din kienet l-unika darba li huwa daħħal id-droga fil-ħabs, u illi l-Lm50 baqgħu għandu d-dar.

Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2008 **Raymond Gerada** jikkonferma illi huwa kien ġie investigat mill-Pulizija f'Lulju 2005 dwar droga u illi dak iż-żmien huwa kien uffiċjal il-ħabs. Jgħid illi dakinhar meta daħal għax-xogħol, fil-kartiera tiegħu kellu tip ta' trab *beige* jew *cream,* li huwa jaħseb li kien droga għalkemm l-isem tad-droga ma kienx jafu, liema trab kien jinsab f'borża tal-plastik. Jgħid illi dan it-trab spiċċa fil-kartiera tiegħu, għaliex huwa kien irċevih mingħand Schembri ossia l-imputat odjern. Jgħid illi kienu ltaqgħu f'post, jekk mhux sejjer żball Bir id-Deheb, u Schembri tah dan it-trab. Dan it-trab ma kienx għalih, iżda għal ċertu Vella li kien jinsab il-ħabs u illi dik il-ħabta kien fid-diviżjoni li qabel kienet tan-nisa. Il-laqam ta' Vella nesieh. Jgħid illi huwa kellu numru tat-telefon – li ma kellux idea ta' min kien u illi meta ċempillu kien l-imputat – liema numru kien tahulu Vella fil-ħabs sabiex iċempel lill-imputat u illi huwa ltaqa' mal-istess imputat ġewwa Bir id-Deheb. Jiftakar

illi dan seħħ fis-sena 2005, iżda ma jiftakarx ix-xahar. Jgħid illi fil-konfront tiegħu ttieħdu proċeduri li ġew deċiżi. Mistoqsi jgħid jekk apparti l-borża bit-trab ingħatax xi ħaġa oħra meta ltaqa' Bir id-Deheb, ix-xhud jgħid illi ma jidhirlux, illi huwa ma kellu qliegħ ta' xejn u li sa dakinhar huwa ma ġie mwiegħed xejn. Lanqas ma kien jaf jgħid jekk Vella u l-imputat kienux jiġu minn xulxin. B'referenza għar-ritratt esebit fir-relazzjoni konġunta ta' PS 1336 Jesmond Micallef u PS 1184 Patrick Grech, huwa jgħid illi dan kien il-pakkett li nstab, jekk kien qed jara tajjeb ossia l-borża li kienet għandu u li kien tahielu Schembri għal Vella. Huwa jikkonferma li rrilaxxja stqarrija u jgħid illi jaħseb illi din ikkonfermaha bil-ġurament. Hawnhekk inqratlu l-istqarrija rilaxxjata minnu nhar is-26 ta' Lulju 2005 u mistoqsi jekk kienx jiftakar il-kontenut tal-istqarrija, huwa jwieġeb "*Iva issa niftakru*" u mistoqsi jekk jerġax jikkonfermah bil-ġurament, huwa jwieġeb "*Iva*".[30] Jikkonferma li huwa kien għaraf ir-ritratt bin-numru 5 fuq Dok. DT 1, kif ukoll ir-ritratt bin-numru 3 fuq Dok. DT 2 bħala Joseph Vella.[31]

**Raymond Gerada** xehed għal darb'oħra f'dawn il-proċeduri nhar it-12 ta' Marzu 2012 u dan wara li fis-seduta tat-8 ta' April 2011, il-partijiet iddikjaraw quddiem din il-Qorti kif diversement preseduta illi kienu qed jeżentaw lill-istess Qorti milli terġa' tisma' l-provi li kienu diġa` nstemgħu sa dakinhar, bir-riżerva li jerġa' jinstema' l-istess Raymond Gerada.[32]

Hawnhekk Gerada jixhed illi fis-sena 2005, huwa kien uffiċjal tal-ħabs u illi l-proċeduri li ttieħdu fil-konfront tiegħu kienu ntemmu. Jgħid b'referenza għal-Lulju 2005, li filgħodu saret tfittxija minn żewġ uffiċjali oħra tal-ħabs u fuqu sabulu xi affarijiet ossia xi tip ta' droga f'forma ta' trab kannella, fil-kartiera. Din tahielu Christopher Schembri u ċioe` l-imputat odjern, li jaf li kellu xi laqam iżda nesieh, ġewwa Bir id-Deheb xi tnax-il siegħa qabel instabet fuqu fil-ħabs. Jgħid illi huwa ċempel lill-imputat fuq il-*mobile phone*, dan iltaqa' miegħu u tah dak l-oġġett, kif ukoll xi ħaġa żgħira tal-flus, għalkemm ma kienx jaf kemm kien l-ammont. Jgħid ukoll illi n-numru tal-*mobile phone* tal-imputat tahulu ħaddieħor, ċertu Ġużi, li kunjomi kien nesieh u illi l-borża bit-trab kannella kienet għal Ġużi. Mistoqsi kif kien ser jgħaddihielu, huwa jwieġeb "*Mhux narah u naghtihielu*".[33] Jekk jiftakar sew, huwa kien niżżel in-numru tal-imputat fuq il-*mobile phone*, iżda ma ftakarx taħt x'hiex kien niżżlu. Jaf li dan kellu laqam, iżda nesieh. Jiftakar illi kien irrilaxxja stqarrija u li din kien ikkonfermaha bil-ġurament. Huwa għaraf il-firma tiegħu fuq l-istqarrija u wara li din inqratlu, huwa jgħid illi jiftakar il-kontenut u kkonfermah. Muri r-ritratt a fol. 59 tal-proċess, 05 CHY 101, formanti parti mir-relazzjoni ta' PS 1184 Patrick Grech u PS 1336 Jesmond

[30] Ara a fol. 77 tal-proċess.
[31] Ara din ix-xhieda a fol. 64 sa 79 tal-proċess.
[32] Ara a fol. 116 tal-proċess.
[33] Ara a fol. 124 tal-proċess.

Micallef, huwa jgħid illi r-ritratt ifakkru fil-borża ossia l-borża li kellu u li sabu fuqu, liema borża ngħatat lilu mill-imputat sabiex jagħtiha lil Ġużi u li ta' dan l-imputat kien tah Lm50.

**In kontro-eżami**, Gerada jixhed illi huwa kien ilu jaħdem il-ħabs xi tnax-il sena, u meta ġie ssuġġerit lilu illi apparti gwardjan il-ħabs, huwa kellu xogħol *part-time* ta' tellar, huwa jwieġeb illi kien *sprayer*. Iwieġeb illi qatt ma kellu xi kwistjoni mal-imputat dwar xogħol ta' *spray* u meta ssuġġerit lilu illi kellu kwistjoni miegħu jew ma' missieru, huwa jwieġeb "*Ma jidhirlix*"[34]. Jgħid ukoll illi dak iż-żmien kellu garaxx il-Fgura u mistoqsi dwar il-borża li għaraf fir-ritratt u jekk din kienx fiha xi marka speċjali, jgħid illi ma kien fiha xejn, iżda bejn wieħed u ieħor hekk kienet il-borża u illi ma setax jgħid illi kienet hi, iżda tixbaħ il-borża li kellu fuqu. Jgħid illi l-borża kien fiha dak li jidher fir-ritratt, iżda ma jafx x'kien fiha. Jgħid illi l-borża nstabitlu fil-kartiera filgħodu għax għamlulu tfittxija. Din kienet ilha għandu fil-kartiera minn filgħaxija. Wara li nstabet fil-pussess tiegħu, ittieħed id-*depot* u rrilaxxja stqarrija. Jgħid ukoll illi s-somma ta' Lm 50 ma nstabitx fuqu. Il-*mobile phone* ħaduhulu ġewwa d-*depot*. Jgħid illi t-telefonati li saru mal-imputat kienu fil-lejl ta' qabel. Jgħid in oltre illi jista' jkun illi l-imputat kien jafu fuq ix-xogħol bħala tellar, u mistoqsi jekk jistax ikun li qatt ċempillu fuq xogħol ukoll, huwa jiċħad dan u jgħid illi ma kellux x'jaqsam miegħu. Jgħid illi huwa qatt ma tkellem miegħu u qallu x'kien jagħmel, għalkemm jista' jkun li sema' dwar dan mingħand ħaddieħor. Jgħid dwar il-każ tiegħu, illi huwa kien weħel xi sentejn ħabs "*ghandikun*". Barra mill-ħabs darba biss kien ra lill-imputat meta tah il-borża. Mistoqsi setax kien xi ħaddieħor u mhux hu, huwa jgħid illi għalih hu kien. Jgħid illi qatt ma kienu għamlu kuntatt la fuq droga u lanqas dwar affarijiet oħrajn u illi l-laqgħa ta' bejniethom lanqas jaħseb li damet ħames minuti. Jgħid illi ma jiftakarx x'karozza kellu, illi l-imputat ħareġ mill-karozza u li huwa kien fil-karozza u meta ssuġġerit lilu illi huwa għarfu mill-isem u mhux għaliex kien jafu, huwa jgħid illi kien għarfu minn wiċċu. Jerġa' jgħid illi għalih hu kien "*nahseb hux*", iżda ma jiftakarx x'kien liebes u illi kien jaf x'jismu għax kien il-ħabs. Jikkonferma li l-ieħor [preżummibilment Vella] qallu l-isem imma huwa kien jaf x'jismu.

**In ri-eżami** x-xhud jgħid illi lill-imputat huwa kien jafu l-ħabs u illi ġieli ltaqgħu fil-ħabs għaliex huwa kien jaħdem hemm u kien jiltaqa' miegħu kif kien jiltaqa' ma' ħaddieħor – hu bħala fizzjal tal-ħabs u l-imputat bħala priġunier. Rah ħafna drabi l-ħabs, iżda ma kienx ikollhom kuntatt.[35]

F'dawn il-proċeduri, **l-Ispettur Dennis Theuma** jixhed illi nhar is-26 ta' Lulju 2005 kienet saret tfittxija fuq ċertu Raymond Gerada li dak iż-żmien kien impjegat bħala uffiċjal tal-ħabs fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin u illi fil-kartiera

[34] A fol. 133 tal-proċess.
[35] Ara a fol. 120 sa 141 tal-proċess.

li kellu fuqu, instabet borża tal-plastik kontenenti ċirka erba' grammi trab kannella suspettat eroina. Jixhed ukoll illi Gerada kien ġie interrogat minnu stess fl-istess jum u jirreferi għall-kontenut ta' din l-istqarrija. Jgħid in oltre illi minn indaġini li għamlet il-Pulizija u mill-istqarrija rilaxxjata mill-istess Schembri rriżulta illi Schembri kien miżżeweġ lil bint Joseph Vella, il-Litz. Jgħid ukoll illi l-għada, Gerada kkonferma l-istqarrija tiegħu quddiem il-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera. Jixhed in oltre illi Christopher Schembri ossia l-imputat odjern kien ġie interrogat minnu nhar is-27 ta' Lulju 2005, wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi. Hawnhekk ix-xhud jirreferi għall-kontenut tal-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat. Fl-istess jum, kien ġie interrogat ukoll Joseph Vella, li għażel illi ma jwieġeb xejn għad-domandi li sarulu [kif kellu kull dritt li jagħmel]. L-Ispettur Theuma esebixxa l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat[36] u żewġ *mobile phones* – wieħed tal-għamla Nokia bil-*cover* iswed li ġie elevat mingħand Raymond Gerada meta saritlu t-tfittxija filwaqt illi kien dieħel għax-xogħol ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin (Dok. DT 1) u ieħor tal-għamla Siemens, li kien fil-pussess tal-imputat u ġie elevat meta l-imputat ġie arrestat dwar l-involviment tiegħu f'dan il-każ (Dok. DT 2). Ix-xhud esebixxa wkoll sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-19 ta' April 2001, fl-ismijiet 'Repubblika ta' Malta vs Christopher Schembri'.[37]

**In kontro-eżami** x-xhud ikkonferma illi Gerada ibbenefika mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta wara li semma lill-imputat odjern.[38]

**PS 1404 Anthony Cutajar** jixhed illi f'Lulju 2005 huwa kien stazzjonat il-ħabs u b'referenza għas-26 ta' Lulju 2005, huwa jgħid illi dakinhar huwa kien organizza tfittxija fuq l-uffiċjali tal-ħabs. Miegħu kien hemm PC 1559 u CO 110. Waqt li kienet qed issir din it-tfittxija, f'daqqa waħda PC 1559 mar fuqu u talbu sabiex jidħol fil-*cubicle* stante illi lill-uffiċjal, ċertu Gerada, kienu sabulu *sachet* bi trab suspettat droga, fil-kartiera. Jixhed ukoll illi f'każijiet bħal dawn huwa kien jinforma mill-ewwel l-Għassa ta' Raħal Ġdid u lill-Iskwadra kontra d-Droga sabiex jinbdew il-proċeduri neċessarji. Muri ritratt 05 CHY 101, formanti parti mir-relazzjoni ta' PS 1184 u PS 1336, huwa jwieġeb "*Ngharaf dawn u anke l-firma tieghi li hemm ffirmat*"[39] u jgħid illi l-borża li tidher fir-ritratt instabet għand Raymond Gerada, gwardjan tal-ħabs.[40]

**PC 1559 Charles Muscat** [li għalih issir referenza minn PS 1404 u minn CO John Callus bħala PC 1559 u għalhekk jidher illi r-referenza għalih bħala PC 1159

---

[36] Ara Dok. DT, a fol. 27 sa 28 tal-proċess. **PS 579 Antoine Micallef** jixhed illi huwa kien xhud tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat wara li ngħata s-solita twissija.
[37] Ara a fol. 29 *et seq* tal-proċess.
[38] Ara din ix-xhieda a fol. 21 sa 26 tal-proċess.
[39] A fol. 87 tal-proċess.
[40] Ara din ix-xhieda a fol. 86 sa 88 tal-proċess.

hija żbaljata] jixhed illi f'Lulju 2005, huwa kien stazzjonat il-ħabs, kif ukoll illi fis-6.00 a.m., kienu ġew ordnati minn PS 1404 sabiex jagħmlu tfittxijiet fuq l-uffiċjali. Miegħu kien hemm CO 110. Jixhed ukoll illi xi s-7.00 a.m. daħal CO 36 Raymond Gerada u waqt illi kienu qed jagħmlulu tfittxija, fil-kartiera, sabu borża trasparenti li kien fiha trab kannella. Jgħid in oltre illi huwa nnota illi Gerada kien eċitat. Muri r-ritratt 05 CHY 101 meħud minn PS 1184 Patrick Grech [u formanti parti mir-relazzjoni tiegħu], huwa jgħid illi din kienet il-borża li kien fiha t-trab kannella u li nstabet fuq Gerada.[41]

**CO John Callus** jixhed illi fis-26 ta' Lulju 2005, filgħodu, hu u PC 1559 kienu qed jagħmlu tfittxijiet u waqt tfittxija fuq CO 36 Raymond Gerada, fil-kartiera tiegħu, sabulu borża żgħira bid-droga. Muri r-ritratt meħud minn PS 1184 Patrick Grech [anness mar-relazzjoni tiegħu], huwa jgħid illi din kienet il-borża bid-droga li nstabet fil-kartiera ta' Gerada.[42]

Mill-vera kopja tar-relazzjoni tal-espert **ix-Xjenzat Godwin Sammut** jirriżulta illi huwa ġie mogħti dokument wieħed minn PS 1336 J. Micallef, *Scene of Crime Officer*, fil-Laboratorju Forensiku tal-Pulizija, liema dokument kien jikkonsisti f'*envelope* kannella li fuqu hemm *sticker* bil-kliem 'Laboratorju Nazzjonali ta' Malta Diviżjoni Forensika Deskrizzjoni tal-Esebit (1) Borża żgħira tal-plastik trasparenti li fiha trab ta' lewn kannella (2) Il-borża li kien fiha t-trab ta' lewn kannella u (3) *envelope kannella*. Dan id-dokument ingħata l-kodiċi 489_05_01.

L-espert ikkonkluda bis-segwenti mod dwar dan id-dokument:

> "Illi fl-estratt meħud mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 489_05_01, nstabet is-sustanza Eroina. Il-piż tat-trab li hemm fid-dokument 489_05_01 kien ta' 4.03 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 43%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta."[43]

**L-Ispettur Jesmond Micallef ġia` PS 1336**, maħtur bħala *Scene of Crime Officer* mill-Maġistrat Inkwirenti fl-atti tal-inkjesta dwar dan il-każ, ippreżenta kopja tar-relazzjoni konġunta tiegħu u ta' PS 1184 Patrick Grech fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2008. Mill-istess relazzjoni jirriżulta illi nhar is-26 ta' Lulju 2005, huma aċċedew ġewwa l-uffiċju tal-Ispettur Dennis Theuma fl-9.45 a.m. fejn ingħataw *envelope* tal-karti li kien fih borża żgħira tal-plastik bi trab kannella fiha. Filwaqt illi PS 1184 Patrick Grech ħa ritratt ta' dan id-dokument (mogħti l-Kodiċi tal-Laboratorju Forensiku 05 CHY 101), PS 1336 J. Micallef eleva l-*envelope* u l-borża msemmija (mogħtija l-Kodiċi tal-Laboratorju Forensiku 05 CHY 201) u fl-

---

[41] Ara a fol. 89 sa 91 tal-proċess.
[42] Ara a fol. 92 u 93 tal-proċess.
[43] Ara din ir-relazzjoni Dok. GS, a fol. 42 sa 54 tal-proċess.

istess jum huwa kkonsenjahom lil Godwin Sammut għall-analizi tiegħu.[44] Fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2009, **PS 1184 Patrick Grech** jikkonferma din ir-relazzjoni, kif ukoll illi huwa kien ħa ritratt wieħed, liema ritratt huwa jagħrfu bħala dak immarkat FS 051559 fuq l-*envelope* tiegħu [ossia 05 CHY 101 kif jidher ukoll fuq l-istess *envelope*] .[45]

**Dr. Steven Farrugia Sacco**, maħtur minn din il-Qorti kif diversement preseduta b'digriet tat-12 ta' Mejju 2008, sabiex janalizza ż-żewġ *mobile phones* esebiti fis-seduta tal-1 ta' Frar 2008 (Dok. DT 1 u Dok. DT 2) u joħroġ minnhom kull informazzjoni possibbli, inkluż *incoming* u *outgoing calls* għall-perjodu taż-żmien mill-1 ta' Lulju 2005 sal-aħħar ta' Lulju 2005 u, jekk possibbli, dettalji ta' min għamel jew irċieva l-istess telefonati, ippreżenta r-relazzjoni tiegħu fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2008 li tikkontjeni *inter alia* rapporti tekniċi dwar il-kontenut taż-żewġ *mobile phones* imsemmija. Huwa jixhed illi l-kumpaniji Go Mobile u Vodafone infurmawh illi ma jżommux informazzjoni lil hinn minn tlettax-il xahar u għalhekk huma ma kellhomx il-*call profiles* tas-sena 2005.[46]

Fuq talba tal-Prosekuzzjoni sabiex issir analizi tal-impronta diġitali fuq Dok. FX 3, din il-Qorti kif diversament preseduta ħatret lill-espert **Joseph Mallia** għall-impronta diġitali.[47] Fis-seduta sussegwenti tal-20 ta' April 2009, imbagħad, ġie vverbalizzat illi l-istess espert ħa l-imponta diġitali u l-marki tal-pali tal-idejn tal-imputat *seduta stante* u ppreżenta dawn il-formoli bħala Dok. JM u Dok. JM 1 rispettivament.[48] Jirriżulta wkoll illi l-espert ġie awtorizzat sabiex jirtira dawn id-dokumenti *seduta stante* u dan sabiex jagħmel eżami komparattiv ma' Dok. SB/284/2007 u jirrelata dwar l-istess.[49]

Fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2009, l-istess espert jixhed illi meta huwa eżamina l-borża li huwa rrefera għaliha bħala Dok. K/B/284/2007 [u li skont ir-relazzjoni tiegħu huwa d-dokument 05 CHY 201] permezz ta' kimika għall-impronta diġitali, telgħet impronta waħda li madankollu kienet nieqsa mill-punti karatteristiċi li jwasslu għall-komparazzjoni u identifikazzjoni. Għalhekk, kif jirriżulta mir-relazzjoni tiegħu ma setgħux isir l-eżamijiet komparattivi rikjesti.[50]

Mir-relazzjoni tal-**Perit Valerio Schembri**, esebita minnu fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2009, jirriżulta illi huwa żamm seduta ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin fejn fil-presenza tal-Ispettur Frans Micallef, huwa sema' x-xhieda ta' PC

---

[44] Ara din ir-relazzjoni a fol. 58 tal-proċess.
[45] Ara l-*envelope* anness mal-qoxra tal-istess relazzjoni li jikkontjeni dan ir-ritratt u mmarkat ukoll bil-kodiċi tal-Laboratorju Forensiku 05 CHY 101. Ix-xhieda ta' PS 1184 Patrick Grech tinsab a fol. 84 u 85 tal-proċess.
[46] Ara din ir-relazzjoni a fol. 63 tal-proċess.
[47] Ara d-digriet tad-19 ta' Jannar 2009, a fol. 80 u 81 tal-proċess.
[48] Ara a fol. 97 u 98 tal-proċess.
[49] Ara a fol. 96 tal-proċess.
[50] Ara r-relazzjoni tal-istess espert a fol. 112 tal-proċess u x-xhieda tiegħu a fol. 110 u 111 tal-proċess.

1559 Charles Muscat, CO 110 John Callus, l-*Assistant Manager* Mario Zahra u PS 1404 Anthony Cutajar. Madankollu, il-Qorti tinnota illi għalkemm skont din ir-relazzjoni, kien qed jiġi anness mill-istess espert Dok. VS 01 bħala l-verbal ta' din is-seduta u Dok. VS 02 bħala traskrizzjoni tal-istess verbal, dawn ma jinsabux annessi mal-istess relazzjoni. Jirriżulta wkoll mill-istess relazzjoni, illi l-espert żamm aċċess fuq il-post fejn instabet is-sustanza u esebixxa pjanta skalata u dettaljata tal-parti tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin fejn instabet is-sustanza in kwistjoni, inkluż il-*cubicle* fejn saret tfittxija fuq CO 36.[51] Il-Qorti tinnota illi l-verbal ta' dan l-aċċess, li skont l-istess relazzjoni jinsab anness bħala Dok. VS 03 lanqas ma huwa anness mar-relazzjoni.[52]

L-imputat **Christopher Schembri** għażel li jieħu l-pedana tax-xhieda f'dawn il-proċeduri u xehed fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2012. Wara li ġiet moqrija lilu mill-avukat difensur l-istqarrija li huwa rrilaxxja lill-Pulizija nhar is-27 ta' Lulju 2005, l-imputat jikkonferma li rrilaxxja din l-istqarrija. Mistoqsi jekk lill-ħatnu Ġużi Vella l-Litz qatt irranġa biex jgħaddilu xi droga l-ħabs, huwa jwieġeb fin-negattiv u meta mistoqsi jekk Ġużi Vella l-Litz qatt talbu sabiex huwa jeħodlu d-droga l-ħabs, huwa jwieġeb fin-negattiv. Meta ġie ssuġġerit lilu mill-avukat difensur illi huwa lil Raymond Gerada li kien gwardjan il-ħabs kien jafu għaliex huwa kien għamel żmien il-ħabs, l-imputat jikkonferma dan. Jgħid illi kien jaf li Gerada kien *panel beater* għaliex Gerada kien qallu b'dan ġewwa l-ħabs. Gerada ma kienx xi ħabib speċjali tiegħu ġewwa l-ħabs. Meta ġie ssuġġerit lilu illi fil-*mobile phone* tiegħu, huwa kellu n-numru tal-*mobile* ta' Gerada, huwa jgħid illi kellu karozza bid-daqqiet u mistoqsi jekk kienx iltaqa' miegħu sabiex jirranġa xi ħaġa fil-karozza, huwa jgħid illi kellu jiltaqa' miegħu xi darba iżda dakinhar kellu lil missieru l-isptar u illi kellu jiltaqa' ma' Gerada biex jirranġa l-*mudguard* tal-karozza. Skont hu, kien għalhekk illi kellu n-numru ta' Gerada u illi dan in-numru kien tahulu hu, għalkemm nesa fejn u meta. Meta ssuġġerit lilu illi kien iltaqa' miegħu u wrieh il-karozza sabiex jurih id-daqqiet, huwa jikkonferma dan, iżda jgħid illi qatt ma mar il-garaxx tiegħu. Nesa fejn kien iltaqa' miegħu, iżda l-karozza wrihielu barra fit-triq għax iltaqgħu b'kumbinazzjoni. Jgħid illi Gerada kien iċempillu u illi anke hu ġieli ċempillu biex jiltaqgħu u dan minħabba l-*mudguard*. Jgħid illi huwa qatt ma ċempillu fil-jum li rrefera għalih Gerada. Iltaqa' miegħu b'kumbinazzjoni, qallu bil-*mudguard*, iżda ma setax jiltaqa' miegħu mbagħad għax missieru kien l-isptar. Meta ġie ssuġġerit lilu illi għalhekk kien ħa n-numru tal-*mobile* ta' Gerada sabiex iċempillu u jeħodlu l-karozza, huwa kkonferma dan. Jgħid illi huwa qatt ma ta flus jew droga lil Gerada u meta mistoqsi jekk kellux xi kwistjoni miegħu, huwa jgħid illi darba kellhom argument fil-bitħa tal-ħabs u illi huwa kien tefgħalu barmil ilma. Meta ġie ssuġġerit lilu jekk forsi dan kienx irrabjat għalih, huwa jwieġeb illi "*Jista' jkun. Nahseb li hekk kien*" u illi huwa qatt ma ħareġ miegħu jew kiel il-kirxa miegħu.

---

[51] Din tinsab esebita a fol. 109 tal-proċess.

[52] Ara r-relazzjoni esebita a fol. 102 sa 109 tal-proċess.

**In ri-eżami** huwa jixhed illi huwa tefa' l-barmil ilma lil Gerada sabiex jiċċajtaw fil-bitħa, iżda qatt ma kellu xi jgħid miegħu. Ma jiftakarx kemm qabel il-każ odjern seħħ l-inċident taċ-ċajta. Dan ġara waqt li huwa kien il-ħabs u illi kien wara li ħareġ mill-ħabs li huwa ltaqa' ma' Gerada u talbu jirranġalu l-*mudguard* tal-karozza u dan kien aċċetta. Imbagħad kellhom jiftehmu dwar jum sabiex jeħodlu l-karozza. Jikkonferma illi l-ftehim biex Gerada jirranġalu l-*mudguard* sar wara li huwa ħareġ mill-ħabs u għalhekk wara l-inċident tal-barmil, għalkemm il-*mudguard* baqa' ma rranġahulux.[53]

**Joseph Vella** jixhed fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2014 illi huwa kien detenut ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin mis-sena 2001 sas-sena 2007. Jgħid illi f'xi żmien meta kien il-ħabs, bagħat għalih l-Ispettur Dennis Theuma u qallu li kien hemm xi gwardjan, mingħalih Gerada, li daħħal xi droga l-ħabs li qal li din kienet għalih. Skont hu, l-Ispettur qallu illi Gerada ta xi droga lil Chris Schembri u qal li kienet għalih. Jgħid illi huwa qal lill-Ispettur li dan ma kienx minnu, għalkemm wara jgħid illi ma wieġeb xejn. Mistoqsi kienx jaf lil Christopher Schembri, ossia lill-imputat odjern, huwa wieġeb li kien jafu għaliex huwa r-raġel ta' bintu u li fiż-żmien li bagħat għalih l-Ispettur, l-imputat kien diġa` miżżewweġ lil bintu. Huwa jgħid illi ma tteħdux passi fil-konfront tiegħu in konnessjoni ma' dan il-każ. Jgħid ukoll illi l-imputat qatt ma mar jarah il-ħabs. Jiċħad illi huwa qatt talab lil xi ħadd sabiex jibgħatlu l-affarijiet li semma l-Ispettur ma' ħaddieħor jew illi huwa ta xi struzzjonijiet lil xi ħadd sabiex jibgħatlu xi ħaġa. Jiċħad illi huwa kellu kunfidenza ma' Gerada jew mal-gwardjani, u jgħid illi Gerada ma kienx ikun dejjem fl-istess diviżjoni, iżda ġieli kien fid-diviżjoni tiegħu. Jgħid ukoll illi huwa kien fid-Diviżjoni 2 u mbagħad f'dik li qabel kienet id-diviżjoni tan-nisa. Jgħid in oltre illi huwa qatt ma kellu xi jgħid ma' Gerada u qatt ma kellu nċidenti miegħu u illi kien ikellmu fid-diviżjoni meta kien jiltaqa' miegħu. Jgħid ukoll illi meta kien il-ħabs qatt ma fetaħ każijiet ġodda u qatt ma ġie mwissi li ma kienx qed iġib ruħu sew jew tilef ir-*remission*. Jgħid illi anzi huwa kien fdat ġewwa l-ħabs għax kien ingħata kamra sabiex irabbi l-fniek.

**In kontro-eżami** x-xhud jiċħad dak suġġerit lilu ossia illi huwa kien avviċina lil Gerada u tah in-numru tal-*mobile phone* tal-imputat, filwaqt illi qal lil Gerada li l-imputat ried ikellmu.[54]

**Christie Catania**, ħaddiema soċjali fi ħdan l-Aġenzija Sedqa xehdet fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2002 illi hija kienet ilha f'kuntatt mal-imputat minn Jannar 2018, wara li l-kollega tagħha li kienet issegwi lill-imputat preċedentement, Marquita Camilleri, ma baqgħetx taħdem mal-istess Aġenzija. Tixhed illi l-imputat kien jattendi għas-sessjonijiet regolarment, illi fil-bidu meta bdiet issegwieh huwa ma

[53] Ara din ix-xhieda a fol. 144 sa 157 tal-proċess.
[54] Ara a fol. 184 sa 195 tal-proċess.

kienx jagħmel użu mid-droga, iżda għall-ħabta ta' Ġunju 2018 kellu *relapse*. Tgħid ukoll illi sussegwentement l-imputat tilef lil missieru u baqa' sejjer lura. Hija tixhed illi l-imputat kien jagħmel użu mill-alkohol u mill-eroina. Huwa daħal darbtejn ġewwa Dar l-Impenn iżda baqa' ma rrijabilitax ruħu, sakemm fil-bidu tas-sena 2021 ġie arrestat in konnessjoni ma' tentattiv ta' serq u tressaq il-Qorti u ddeċieda li jibdel ħajtu. Hija tixhed ukoll illi hekk kif ingħata l-ħelsien mill-arrest, l-imputat baqa' jattendi ġewwa l-Aġenzija, ġie riferut għall-programm residenzjali, kien iħalli l-kampjuni tal-urina li rriżultaw fin-negattiv għal teħid ta' sustanzi lleċiti, u kien diġa` beda juri progress sakemm daħal fil-programm residenzjali fi ħdan il-Komunita` ta' Santa Marija f'Mejju 2021, fejn kien għadu sal-jum ta' din ix-xhieda. Hija tixhed ukoll illi l-imputat kien fil-fażi ta' ri-integrazzjoni, jiġifieri kien qed jaħdem, iżda xorta jqatta' xi jiem u ljieli fil-programm. Huwa kien qed imur għall-sessjonijiet ġewwa l-Aġenzija Sedqa darba fil-ġimgħa u sar progress kbir da parti tiegħu.

**In kontro-eżami** x-xhud tgħid illi l-imputat kellu dipendenza fuq id-droga eroina.[55]

**Dorianne Coleiro**, *leader* ġewwa l-Komunita` ta' Santa Marija, tixhed fl-istess seduta illi hija kienet ilha f'kuntatt mal-imputat minn meta daħal fil-programm residenzjali f'Lulju 2021. Tgħid illi qabel kienet *leader*, kienet taħdem mal-imputat bħala *counsellor* u illi ltaqgħu b'mod regolari għal numru ta' sessjonijiet li ħallew frott. Tgħid in oltre illi huwa ntegra ruħu sew fil-programm u illi wasal fl-aħħar fażi tiegħu, kif ukoll illi matul il-programm, saru numru ta' testijiet tal-kampjuni tal-urina tal-imputat li lkoll irriżultaw fin-negattiv. Tgħid ukoll illi l-programm jispiċċa f'Lulju 2022.[56]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar is-26 ta' Lulju 2005, kmieni filgħodu, waqt tfittxija fuq il-gwardjani tal-ħabs ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, CO 36 Raymond Gerada nstab fil-pussess ta' borża tal-plastik bi trab kannella, fil-kartiera tiegħu, liema trab skond il-konklużjonijiet tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, f'piż ta' 4.03 grammi, kien fih id-droga eroina, f'purita` ta' ċirka 43%.

Jirriżulta wkoll mill-istess atti proċesswali, illi dakinhar stess tas-26 ta' Lulju 2005, Raymond Gerada rrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva u l-għada 27 ta' Lulju 2005, huwa kkonferma din l-istqarrija bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera. F'din l-istqarrija huwa jgħid illi huwa ottjena d-droga li nstabet fil-pussess tiegħu mingħand Christopher Schembri [ossia l-

[55] Ara a fol. 318 sa 322 tal-proċess.
[56] Ara a fol. 323 sa 327 tal-proċess.

imputat odjern] sabiex jgħaddiha lil ċertu Joseph Vella, magħruf bħala l-Litz, li dak iż-żmien kien qed jiskonta piena karċerarja ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin.

Illi qabel tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha fil-mertu, huwa opportun illi fl-ewwel lok il-Qorti titratta *seriatim* il-punti mqajjma mill-imputat fiż-żewġ noti ta' sottomissjonijiet intavolati minnu:

i. L-imputat isostni illi l-istqarrija rilaxxjata minnu m'għandhiex titqies bħala prova fil-konfront tiegħu u dan stante illi huwa ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni fil-konfront tiegħu. Hawnhekk jagħmel referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud vs Amanda Agius** tas-27 ta' Settembru 2019.

   Jirriżulta mill-atti proċesswali illi l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija nhar is-27 ta' Lulju 2005 u dan wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi, iżda mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu u l-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju. Fiż-żmien in kwistjoni, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi lill-persuna suspettata jew arrestata dawn il-jeddijiet u dan stante illi l-ewwel jedd daħal fis-seħħ fl-10 ta' Frar 2010 permezz tal-Avviż Legali 35 tal-2010, filwaqt illi t-tieni wieħed daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

   Jeħtieġ għalhekk illi din il-Qorti tiddetermina l-valur probatorju li għandha tingħata l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat.

   Fir-rigward jibda biex jingħad illi jirriżulta mill-atti proċesswali illi fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2012, miżmuma quddiem din il-Qorti kif diversement preseduta, xehed l-imputat odjern, waqt liema xhieda l-avukat difensur għamel referenza lill-istess imputat għall-istqarrija rilaxxjata minnu. Mistoqsi jekk jiftakarx li rrilaxxja tali stqarrija, l-imputat wieħeb fl-affermattiv, għal-liema l-avukat difensur ddikjara hekk:

   > "Ma ffirmajtux u ghamilt dak l-istatement. Issa jien ser nghidlek illi jien ghalija dak l-istatement ma jghoddx ghas-semplici raguni li meta sarlek dak l-istatement inti ma kellekx assistenza legali u ser nistaqsik xi domandi u issa qieghed bl-assistenza legali tieghek u tista' tirrispondi."[57]

[57] A fol. 147 tal-proċess.

Dwar dan, waqt l-istess seduta l-avukat difensur irrileva – kif jirriżulta mit-traskrizzjoni tax-xhieda tal-istess imputat – illi d-difiża qrat l-istqarrija lix-xhud u wara dan, id-difiża m'għamlet l-ebda domanda dwar l-istess stqarrija, anzi stiednet lix-xhud ossia lill-imputat sabiex jinjora għal kollox il-kontenut tagħha stante illi ssostni li l-istess stqarrija hija inammissibbli bħala prova. Id-difiża tenniet ukoll fl-istess verbal illi qagħdet attenta illi ma titlobx lix-xhud sabiex jikkonferma o meno tali stqarrija.

Da parti tiegħu l-Uffiċjal Prosekutur wieġeb illi kienet id-difiża stess li qrat il-kontenut tal-istqarrija tal-imputat lill-istess imputat, liema kontenut ġie kkonfermat mill-istess imputat quddiem il-Qorti. Kompliet il-Prosekuzzjoni, illi d-difiża ma tistax l-ewwel tagħmel referenza għal tali stqarrija u kif tispiċċa mill-eżami tax-xhud, titlob lill-Qorti sabiex tali stqarrija tiġi dikjarata inammissibbli u għalhekk tipprekludi lill-Uffiċjal Prosekutur millli jagħmel referenza huwa wkoll għall-kontenut tal-istess stqarrija in kontro-eżami.

Dwar din il-kwistjoni, fl-istess seduta, din il-Qorti kif diversement preseduta tat is-segwenti digriet:

> "Fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva li kienet id-difiża li qrat l-istqarrija lill-imputat u l-imputat ikkonferma bil-ġurament tiegħu li għamel dik l-istqarrija. Għalhekk l-Uffiċjal Prosekutur mhux prekluz li jaghmel huwa wkoll referenza ghall-istqarrija waqt il-kontro-ezami tal-imputat.
>
> Fi kwalunkwe każ, l-istqarrija mhix l-unika prova li giet prodotta kontra l-imputat matul dawn il-proceduri. In oltre meta rrilaxxja l-istqarrija l-imputat kien ragel matur ta' 31 sena u kien gie kkundannat diversi drabi minn dawn il-Qrati u kien diga skonta piena karcerarja u ghalhekk l-istqarrija ma tistax tigi skartata f'dan l-istadju u dan skont l-insenjament u l-izvilupp tal-gurisprudenza ricenti tal-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tat-8 ta' Ottubru 2012 fl-ismijiet 'Charles Steven Muscat vs Avukat Generali."

Il-Qorti tinnota fl-ewwel lok illi għalkemm matul ix-xhieda tiegħu in eżami, l-imputat ikkonferma li rrilaxxja l-istqarrija tiegħu tas-27 ta' Lulju 2005 lill-Pulizija, fl-ebda waqt matul din ix-xhieda ma kkonferma l-kontenut tagħha. Il-Qorti tinnota wkoll illi minkejja li l-posizzjoni legali fiż-żmien tad-digriet ta' din il-Qorti kif diversement preseduta kienet proprju dik kif imfissra fl-istess digriet, minn dakinhar kien

hemm żvilupp ġurisprudenzjali ampju li permezz tiegħu l-posizzjoni legali ma baqgħetx l-istess dwar stqarrijiet rilaxxjati minn persuni suspettati jew arrestati mingħajr id-dritt għall-assistenza legali. Hawnhekk il-Qorti tirreferi għas-sentenzi fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et** (Qorti Kostituzzjonali, 5 ta' Ottubru 2018), **Graziella Attard vs Avukat Ġenerali** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Settembru 2019), **Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021), **Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll **Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' April 2022) u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 4 ta' Mejju 2022) u fid-dawl ta' dawn is-sentenzi, qed tqis l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat bħala nieqsa minn valur probatorju. Fil-każ odjern il-Qorti tqis illi għalkemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat ma ammettiex għal dak li qed jiġi allegat fil-konfront tiegħu, biss huwa għamel dikjarazzjonijiet dwar ċirkostanzi materjali f'dan il-każ, li ċertament kienu ta' preġudizzju għalih. Il-Qorti għalhekk jidhrilha illi għandha tiskarta l-istqarrija meħuda lill-imputat mingħajr il-jedd għall-assistenza legali qabel u waqt l-interrogatorju tiegħu, bħala nieqsa minn valur probatorju, u dan sabiex ma jkun hemm l-ebda riskju ta' ksur tad-drittijiet tal-istess imputat. Naturalment dan japplika wkoll għal dik il-parti tax-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur f'dawn il-proċeduri, fejn huwa għamel referenza għall-kontenut tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat.

ii. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-imputat isostni wkoll illi ma jistax jifhem kif f'dan il-każ ġew inizzjati mhux inkjesta waħda, iżda tnejn – waħda mill-Maġistrat Dr. Miriam Hayman u oħra mill-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera. Dan, skont l-imputat, imur kontra l-proċedura kkontemplata fil-Kodiċi Kriminali u huwa rregolari għall-aħħar. Jissottometti wkoll illi lanqas ma jista' jiġi argumentat illi l-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera sempliċiment semgħet xhud jikkonferma l-istqarrija tiegħu bil-ġurament b'żieda ma' dak li laħqet ikkonkludiet il-Maġistrat Dr. Miriam Hayman u jżid jgħid illi fl-atti ġew esebiti żewġ proċessi verbali ta' żewġ inkjesti differenti.

Fir-rigward il-Qorti tinnota illi m'huwa minnu xejn li ġew esebiti fl-atti proċesswali żewġ proċessi verbali dwar żewġ inkjesti differenti. Dwar dan, il-Qorti diġa` esprimiet ruħha b'mod ċar fid-digriet tagħha f'dawn l-istess proċeduri tas-7 ta' Lulju 2014. L-ewwel proċess verbal redatt mill-Maġistrat Dr. Miriam Hayman huwa dwar is-sejba tad-droga fuq il-gwardjan tal-ħabs CO 36 Raymond Gerada nhar is-26 ta' Lulju 2007, fejn allura l-Maġistrat Inkwirenti f'dak il-każ ħatret numru ta' esperti

sabiex jassistuha f'din l-inkjesta, kif jirriżulta mill-istess proċess verbal, filwaqt illi t-tieni proċess verbal redatt mill-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera jikkontjeni x-xhieda ta' Raymond Gerada tas-27 ta' Lulju 2005, li permezz tagħha huwa kkonferma bil-ġurament l-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija fis-26 ta' Lulju 2005.

Kif diġa` qalet din il-Qorti fl-imsemmi digriet tagħha:

> "f'dan il-kaz ma sarux zewg inkjesti separati dwar l-istess kaz, kif tipprova taghti x'tifhem id-difiza, izda saret inkjesta wahda, liema inkjesta giet immexxija mill-Maġistrat Miriam Hayman u sussegwentement l'għada u cioe` fis-27 ta' Lulju 2005, il-Magistrat Consuelo Scerri Herrera semghet lil certu Raymond Gerada jikkonferma bil-gurament tieghu l-istqarrija rilaxxjata minnu lil Ufficjal Investigatur a tenur tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant, il-Magistrat Scerri Herrera ma fethet l-ebda inkjesta dwar l-istess kaz...".[58]

Huwa evidenti illi l-proċess verbal dwar l-inkjesta li saret fil-każ odjern ġie redatt mill-Maġistrat Dr. Miriam Hayman fit-termini ta' dak li jipprovdu d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 546(1) *et seq* tal-Kodiċi Kriminali. L-imsemmi Artikolu 546(1) jgħid hekk:

> 546.(1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli li jiġu minnufih wara dan, wara r-rapport, id-denunzja jew il-kwerela ta' reat li jista' jingħata l-piena ta' priġunerija għal iżjed minn tliet snin, u jekk is-suġġett materjali tar-reat ikun għadu jeżisti, għandu jiġi deskritt l-istat tiegħu, bid-dettalji kollha wieħed wieħed, u għandu jiġi msemmi l-istrument u l-mod li bih dan l-istrument seta' jġib l-effett. Għall-finijiet ta' kull investigazzjoni bħal din, għandu jsir aċċess fuq il-post

Mill-banda l-oħra l-proċess verbal redatt mill-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera ġie hekk redatt fit-termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> (12) Waqt li tkun qed issir investigazzjoni ta' reat kontra din l-Ordinanza, il-Pulizija Esekuttiva tista' titlob lil maġistrat biex jisma' bil-ġurament lil kull persuna li hija taħseb li għandha informazzjoni dwar dak ir-reat; u l-maġistrat għandu minnufih jisma' lil dik il-persuna bil-ġurament.

[58] Ara a fol. 181 tal-proċess.

(13) Għall-fini tas-smigħ bil-ġurament ta' persuna kif provdut fis-subartikolu (12) il-maġistrat ikollu l-istess setgħat li bil-liġi għandha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala qorti istruttorja kif ukoll is-setgħat imsemmija fl-artikolu 554 tal-Kodiċi Kriminali; iżda dak is-smigħ għandu dejjem isir bil-magħluq.

Il-liġi mkien ma tgħid illi għandha tkun il-Maġistrat Inkwirenti adetta mill-inkjesta dwar każ partikolari li tisma' bil-ġurament lill-persuna li jkollha informazzjoni in konnessjoni mal-istess każ, iżda titkellem biss dwar maġistrat. Fit-test Ingliż, filfatt, il-liġi tgħid "*... the Executive Police may request a magistrate to hear on oath any person who they believe may have information regarding such offence*". Fil-każ odjern, kif jirriżulta mix-xhieda ta' **Doris Fenech** f'dawn il-proċeduri[59], il-Maġistrat tal-Għassa nhar is-26 ta' Lulju 2005 kienet il-Maġistrat Dr. Miriam Hayman, filwaqt illi il-Maġistrat tal-Għassa nhar is-27 ta' Lulju 2005 kienet il-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera, li jispjega għalfejn il-Maġistrat Dr. Miriam Hayman mexxiet l-inkjesta dwar il-każ ta' Raymond Gerada u l-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera semgħet ix-xhieda ġuramentata tal-istess Gerada. In oltre għalkemm f'dan il-każ il-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera ma ħatritx esperti, għaliex illimitat ruħha sabiex tisma' x-xhieda ta' Gerada, l-Artikolu 24A(13) tal-Kap. 101 jagħti lill-Maġistrat, anke f'dawn iċ-ċirkostanzi, is-setgħet tal-Maġistrat matul l-aċċess, inkluż li taħtar l-esperti.

Għaldaqstant, din il-Qorti tqis, kuntrarjament għal dak li jsostni l-imputat, illi ma hemm xejn irregolari dwar il-fatt illi ġew esebiti fl-atti żewġ proċessi verbali li, kif ingħad, jitrattaw materji diversi minn xulxin.

iii. Illi l-imputat itenni wkoll illi mill-proċess verbal redatt mill-Maġistrat Dr. Miriam Hayman ma ġiex indikat l-inkarigu tal-esperti maħtura minnha fil-mori tal-inkjesta. B'referenza għax-xhieda u r-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, l-imputat isostni illi għalhekk mhux magħruf jekk l-istess espert qediex l-inkarigu mogħti lilu mill-Inkwirenti jew jekk marx oltre t-termini tan-nomina tiegħu għaliex dan ma ġiex indikat mill-istess Maġistrat fil-proċess verbal. Isostni wkoll illi "*kwalunkwe aġir li jmur oltre l-inkarigu tagħhom* [tal-esperti] *mhuwiex permess u ma jistax jitqies bħala ta' valur probatorju kontra l-akkużat*"[60].

[59] Ara din ix-xhieda a fol. 164 u 165 tal-proċess.
[60] Ara a fol. 289 tal-proċess.

Huwa minnu dak li jgħid l-imputat fis-sens illi l-proċess verbal redatt mill-Maġistrat Dr. Miriam Hayman jindika l-esperti maħtura mill-istess Maġistrat iżda mhux l-iskop tal-ħatra tagħhom. Ai termini tad-digriet tagħha tas-26 ta' Lulju 2005, il-Maġistrat Inkwirenti nnominat lill-Ispettur Frans Micallef sabiex iżomm aċċess minnufih u jistabilixxi l-fatti relevanti u jirrelata bil-miktub fi żmien tletin jum. Magħdud ma' dan, il-Maġistrat Inkwirenti nnominat sabiex jassistu lill-imsemmi Spettur tal-Pulizija waqt l-aċċess lil Perit Valerio Schembri, lil Godwin Sammut, lil PS 1336 u lil PS 1184.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Degiorgio et** tat-30 ta' Ottubru 2020, il-Qorti Kriminali qalet hekk dwar l-oġġezzjoni tal-akkużati għall-fatt illi l-espert nominat fl-*in genere* Dr. Martin Bajada għamel xi mistoqsijiet lil xi xhieda li kienu qed jiddeponu fl-inkjesta, u dan stante illi huwa ma ġiex mogħti l-jedd li jisma' xhieda bil-ġurament fid-digriet tan-nomina:

> ... il-Qorti tqies illi meta l-inkwirenti jahtar espert sabiex permezz tas-sengha u l-hila specjali tieghu jkun jista' jasal biex jistabbilixxi xi prova determinanti fil-kors tal-istharrig li jkun qed isir, huwa ghandu jaghti direzzjoni lil dak l-espert biss jekk ikun hemm il-htiega ghaldaqstant. Dan huwa stabbilit fl-artikolu 650(5) tal-Kodici Kriminali li jistabbilixxi d-direzzjonijiet li ghandhom jinghataw lil periti mill-qorti sabiex jespletaw l-inkarigu lilhom moghti, liema disposizzjoni ta' dritt hija applikabbli ukoll ghall-*in genere*[61]:
>
> **Il-qorti, kull meta jkun hemm bżonn, tagħti lill-periti d-direzzjonijiet meħtieġa u ż-żmien li fih għandhom jagħmlu r-rapport tagħhom.**
>
> F' dan il-kaz ma kienx jenhtieg illi l-espert jinghata din is-setgha b'mod specifiku u kif inghad fi kwalunkwe kaz ix-xhieda ser jergghu jiddeponu waqt is-smiegh tal-guri.
>
> **"8. Din il-Qorti żżid tgħid, pero`, li l-Qorti (jew il-maġistrat fil-kors ta' l-inkjesta dwar l-in genere) li tinnomina espert fi branka ta' ħila jew sengħa speċjali m'għandhiex għalfejn tispeċifika bid-dettalji kollha dak kollu li dak l-espert għandu jagħmel. Infatti l-Qorti tagħti d-direttivi meħtieġa lill-esperti kull meta jkun hemm bżonn ("… whenever it is expedient …" fit-test Ingliż) (artikolu 650(5), Kap. 9). L-esperti hekk nominati, proprju minħabba l-expertise**

[61] Ara l-Artikolu 548 tal-Kodiċi Kriminali.

**tagħhom, jibqagħlhom ukoll marġini ta' diskrezzjoni sabiex jagħmlu "ix-xogħol u l-esperimenti li titlob il-professjoni jew is-sengħa tagħhom (artikolu 653(1), Kap. 9).[62]"**

**24. Issa, l-eċċezzjoni ta' inammissibilita` tippresupponi xi disposizzjoni tal-liġi li teskludi dik il-prova milli tinġieb 'il quddiem fil-proċess. Fil-każ odjern in-nomina ta' l-esperti saret mill-Maġistrat Inkwirenti a tenur ta' l-artikolu 548 tal-Kodiċi Kriminali. Imbagħad is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 650 – reż applikabbli għall-in genere mill-ewwel proviso ta' l-imsemmi artikolu 548 – jipprovdi li: "Il-qorti, <u>kull meta jkun hemm bżonn</u>, tagħti lill-periti d-direzzjonijiet meħtieġa" (sottolinear ta' din il-Qorti). Naturalment sabiex ma jkunx hemm ekwivoċi hu desiderabbli li jkun hemm deskrizzjoni ta' l-inkarigu mogħti lill-esperti rispettivi fid-digriet tan-nomina. Fil-każ in eżami m'hemm l-ebda ekwivoku, peress illi kull wieħed mill-esperti ndika fir-relazzjoni tiegħu l-inkarigu speċifiku li kellu. Barra minn hekk, id-difiża jibqagħlha dejjem id-dritt li tikkontrolla dak li jiġi konstatat mill-esperti prodotti billi jekk hekk jidhrilha timpunja l-kompetenza, l-kredibilita` u l-affidabilita` tal-istess esperti u tal-konklużjonijiet tagħhom.**

Fil-każ odjern jirriżulta mill-atti proċesswali illi l-esperti lkoll ippreżentaw ir-relazzjonijiet rispettivi tagħhom fil-mori ta' dawn il-proċeduri u dan wara li ġew ikkonfermati bħala esperti minn din il-Qorti waqt is-smiegħ tal-każ. Kif diġa` osservat din il-Qorti iżjed 'il fuq, minkejja li l-proċess verbal redatt mill-Maġistrat Dr. Miriam Hayman jindika illi sakemm hija ġiet biex tagħlaq il-proċess verbal, wara t-talba li saret lilha mill-Kummissarju tal-Pulizija għal dan il-għan, ġiet ippreżentata quddiemha r-relazzjoni ta' PS 1336 J. Micallef u PS 1184 P. Grech u tiddikjara wkoll illi taqbel mal-konklużjonijiet tagħhom, jidher illi bi żvista ma saritx vera kopja wkoll ta' din ir-relazzjoni flimkien mal-proċess verbal u għalhekk l-proċess verbal esebit f'dawn l-atti, huwa nieqes minn din ir-relazzjoni, li madankollu vera kopja tagħha ġiet esebita iżjed 'il quddiem f'dawn il-proċeduri tal-lum. Irid jingħad ukoll illi mill-atti tal-istess proċess verbal jirriżulta b'verbal tal-Maġistrat Inkwirenti tad-9 ta' Awwissu 2005 illi dakinhar PS 1184 Patrick Grech u PS 1336 Jesmond Micallef bil-ġurament tagħhom iddikjaraw hekk:

[62] Hawnhekk il-Qorti rreferiet għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech</u>** tat-28 ta' Frar 2012.

> "B'digriet tal-Magistrat Inkwirenti tas-26 ta' Lulju, 2005 ahna konna gejna mahtura bhala Scene of Crime Officers sabiex nirrelataw dwar Sejba ta' Trab ta' kulur kannella fuq CO 36 Raymond Gerada fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.
>
> Qed nipprezentaw ir-relazzjoni taghna li qeghda tigi mmarkata bhala Dok JM.
>
> Ahna nahilfu li qdejna onestement u fedelment l-inkarigu lilna moghti."

Dan il-verbal iġib ukoll il-firma tal-Maġistrat Dr. Miriam Hayman fil-ġenb tiegħu, fil-qiegħ.

In kwantu l-Maġistrat Inkwirenti tindika fil-proċess verbal illi hija kienet qed taqbel mal-konklużjonijiet ta' PS 1184 Patrick Grech u PS 1336 Jesmond Micallef, li jirriżulta li ppreżentaw ir-relazzjoni konġunta tagħhom quddiemha, kien qed jiġi kkonfermat l-inkarigu tagħhom bħala *Scene of Crime Officers,* kif indikat ukoll fl-istess relazzjoni tagħhom esebita fl-atti mill-Ispettur Jesmond Micallef, li jikkonferma li kien ġie hekk nominat mill-Maġistrat Inkwirenti. Bl-istess mod, PS 1184 Patrick Grech jixhed illi kien qed jagħraf ir-relazzjoni tiegħu u illi huma kienu ġew maħtura fis-26 ta' Lulju 2005 mill-Maġistrat Dr. Miriam Hayman u jikkonferma wkoll illi kien ħa r-ritratt esebit mal-istess relazzjoni. Minn din ir-relazzjoni fil-fatt jirriżulta illi:

> "bl-inkarigu tal-Magistrat inkwerenti, l-esponenti gew innominati bhala Scene of Crime Officers, nhar is-26 ta' Lulju 2005, sabiex jaghmlu dak ix-xoghol kollu necessarju fil-fond imsemmi, liema xoghol jinkludi t-tehid tar-ritratti, l-elevar t'oggetti w kampjuni necessarji, filwaqt li jippreservaw u jissigillaw dak kollu elevat, li jikkonsenja id-dokumenti necessarji lill-Espert mahtur mill-Qorti ghall-analizi taghhom, u finalment jirrelataw lura bil-miktub lil dina Onorabbli Qorti dwar dak kollu li jkunu sabu u kkostataw."[63]

Irid jingħad ukoll in kwantu l-ħatra tax-Xjenzat Godwin Sammut, illi għalkemm il-Maġistrat Inkwirenti la tindikah bħala 'Xjenzat' u lanqas bħala espert forensiku jew analista bl-inkarigu speċifiku li janalizza s-sustanza misjuba fil-pussess ta' Gerada, madankollu jirriżulta mir-relazzjoni tiegħu illi huwa Xjenzat u li ġie maħtur bħala espert forensiku

[63] Ara a fol. 60 tal-proċess.

sabiex jeżamina u jirrelata dwar dokument wieħed, liema dokument ġie mogħti lilu minn PS 1336 J. Micallef, *Scene of Crime Officer* fil-Laboratorju Forensiku tal-Pulizija, u ġie mogħti minnu l-kodiċi tal-laboratorju 489_05_01.

Illi fir-rigward irid jingħad ukoll illi fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri, ċitata iżjed il-fuq, l-istess Qorti għamlet ukoll referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali tal-4 ta' Lulju 2011 fl-istess każ, dwar il-punt imqajjem mid-difiża illi x-Xjenzat Godwin Sammut kien ġie maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti f'dak il-każ bħala '*Mr Godwin Sammut [u Mr Martin Bajada] bhala esperti tekniċi*'. Il-Qorti Kriminali qalet hekk dwar dan:

> **"Li skont l-artikolu 650 tal-Kap. 9, għandhom jinħatru esperti f'dawk il-każijiet kollha, fejn ikun meħtieġ tagħrif jew ħila speċjali għall-eżami ta' persuna jew xi oġġett.**
>
> **"Skont is-subinċiż (5) tal-istess artikolu, il-Qorti għandha, meta jkun hemm bżonn, tagħti direzzjonijiet lill-esperti.**
>
> **"Mid-diċitura tas-subinċiż (5) tal-artikolu 650 tal-Kap. 9 jirriżulta li l-Qorti għandha tagħti direzzjonijiet lill-esperti meta jkun hemm bżonn.**
>
> **"Fil-każ tal-espert Godwin Sammut, malli l-Maġistrat Inkwirenti jaħtru bħala espert, ix-xogħol li għandu jwettaq bħala espert huwa wieħed awtomatiku. Is-sur Godwin Sammut normalment jinħatar espert (jew hu jew l-Ispiżjar Mario Mifsud, skont min ikun tal-għassa) kull meta jkun hemm każ tad-droga u kull wieħed minn dawn l-esperti jaf li d-dmir tiegħu huwa wieħed – li janalizza u jiżen d-droga misjuba – sakemm ma jkunx hemm ħtieġa ta' xi analiżi oħra, bħalma jidher li kien hemm f'dan il-każ aktar tard matul il-proċeduri.**
>
> **"Għalhekk kemm is-sur Godwin Sammut kif ukoll is-sur Mario Mifsud meta jinħatru mill-Maġistrat Inkwirenti jafu x'inhu l-inkarigu primarju tagħhom u m'għandhom għalfejn jippreżumu xejn għax huma esperti f'qasam speċjalizzat ħafna u li sa minn żmien sew ilu – u kif għadu s'issa – huma dawn l-uniċi żewġ esperti li jinħatru għal dan il-għan.**

**"Għalhekk, fi kliem l-istess subinċiż (5) tal-artikolu 650 ma kien hemm ebda bżonn li l-Maġistrat Inkwirenti jispeċifika l-inkarigu tal-espert Godwin Sammut.**

**"Għalhekk il-Qorti qed tikkonkludi li l-ħatra tas-sur Godwin Sammut kif ukoll ir-relazzjoni tiegħu huma t-tnejn ammissibbli u għalhekk qed tiċħad l-eċċezzjoni ta' Martin Dimech."**

Dwar dan il-bran tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) żiedet tgħid hekk fis-sentenza tagħha, apparti l-parti li diġa` ġiet ċitata iżjed 'il fuq:

> "L-Ispizjar Godwin Sammut, bhalma osservat l-ewwel Qorti, jigi regolarment mahtur proprju f'dan il-qasam specjalizzat ta' analizi ta' sustanzi suspettati droga, u ghalhekk jista' jinghad ukoll li hemm certa "teknika" involuta. Din kienet inkjesta dwar is-sejba ta' sustanza suspettata eroina. Dik is-sustanza li giet mghoddija lilu certament ma gietx hekk mghoddija biex joqghod ihares lejha."

Il-każ odjern ukoll huwa wieħed dwar droga u għalhekk l-inkarigu tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, kif deskritt minnu wkoll fir-relazzjoni tiegħu, kien wieħed evidenti ossia illi janalizza s-sustanza li ġiet mgħoddija lilu u illi jiżinha, b'dan għalhekk illi din il-Qorti tqis illi m'hemm xejn irregolari fil-ħatra tal-istess espert u fil-mod li bih huwa espleta l-inkarigu lilu mogħti.

In kwantu l-ħatra tal-Perit Valerio Schembri, ukoll maħtur fl-inkjesta dwar dan il-każ, huwa ġie indikat fid-digriet tal-ħatra tiegħu bħala tali u fir-relazzjoni tiegħu wkoll indika x'kienet il-funzjoni li kellu jaqdi. L-istess espert ħejja pjanta tal-ambjent fejn instabet id-droga fuq Gerada, ġewwa l-ħabs – in linea għalhekk mal-professjoni tiegħu - u sema' x-xhieda ta' diversi persuni bil-ġurament, li kif ingħad madankollu ma jinstabux fir-relazzjoni tiegħu u għaldaqstant ċertament li din il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tagħhom.

Il-Qorti qed tqis in oltre illi l-esperti msemmija lkoll xehdu u ppreżentaw ir-relazzjonijiet tagħhom fil-mori tal-proċeduri odjerni, fil-presenza għalhekk tal-imputat, b'dan għalhekk illi d-difiża kellha kull opportunita` li tikkontrolla dak li ġie konstatat mill-esperti u timpunja l-konklużjonijiet tagħhom.

Finalment, din il-Qorti tagħmel referenza wkoll għal dak li ntqal mill-Qorti Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Degiorgio et** fuq ċitata:

> Fuq kollox il-Qorti ma tistax ma taghmilx l-istess osservazzjoni maghmula mill-Qorti tal-Appell Kriminali kif kollegjalment komposta:
>
> "Din il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll li fil-kors ta' l-istruttorja meta kienu qed jigu kkonfermati jew nominati d-diversi esperti, l-akkuzat -- li kien dejjem legalment assistit -- f'ebda hin ma ghamel l-icken oggezzjoni ghal dawn il-konfermi u nomini. ....... Bhalma fissret ruhha l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha fil-kaz ta' Harrington (supra), huwa ferm ingust u certament mhux konducenti ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja li meta qorti tkun innominat perit, minn ikollu xi oggezzjoni ghal dik in-nomina, flok ma jgib 'l quddiem dik l-oggezzjoni minnufih sabiex il-qorti tkun tista' tikkunsidrha u, jekk ikun il-kaz tappunta lil xi hadd iehor, ihalli kollox ghaddej, imbghad fi stadju inoltrat, meta possibilment lanqas ikun aktar possibbli jew utili li ssir perizja gdida, jivventila l-oggezzjoni tieghu. Kif tajjeb osservat dik il-Qorti fis-sentenza taghha fil-kaz ta' Nicholas Ellul, ghalkemm "akkuzat ghandu dritt ghal smiegh xieraq izda dan is-smiegh xieraq waqt li jipprotegi l-presunta innocenza tal-akkuzat, ghandu wkoll ikun fair mas-socjeta' li tkun giet oltraggata bid-delitt[64]".

Il-Qorti ma tqisx illi l-esperti maħtura fl-inkjesta f'dan il-każ marru oltre l-inkarigu lilhom mogħti u għaldaqstant m'hemm xejn irregolari fir-relazzjonijiet u l-konklużjonijiet tagħhom li b'xi mod jista' jxejjen l-valur probatorju tal-istess konklużjonijiet.

iv. L-imputat jissottometti wkoll fin-nota tiegħu illi d-droga ma ġietx esebita fl-atti proċesswali. Għalkemm huwa minnu dak li jgħid l-imputat fis-sens illi meta l-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut esebixxa r-relazzjoni tiegħu f'dawn il-proċeduri, huwa esebixxa vera kopja tal-istess relazzjoni u dan stante illi l-oriġinali ġiet esebita fil-proċeduri li ttieħdu fil-konfront ta' Gerada, b'dan għalhekk illi l-istess espert ma rritornax lura d-droga li huwa analizza, la darba din kien diġa` rritornaha fil-proċeduri l-oħrajn, biss jirriżulta mill-atti tal-proċeduri tal-lum illi fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2007, id-Deputat Reġistratur esebixxa, oltre żewġ proċessi verbali bħala

[64] Hawnhekk il-Qorti rreferiet għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Krimiminali (Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmelo Spiteri** tad-19 ta' April 2001.

Dok. FX 1 u Dok. FX 2 rispettivament, Dok. FX 3 deskritt fil-verbal tal-istess seduta bħala esebit bin-numru K/B/418/05 "kontenenti borża żgħira tal-plastik trasparenti li fiha trab ta' lewn kannella allegat li bis-sustanza li hija droga". Fix-xhieda tiegħu jiddeskrivi dan l-esebit bin-numru KB/418/2005 ukoll bħala dokument 489/05/01.

Il-Qorti rat hija stess dan l-esebit li ġie ppreżentat mid-Deputat Reġistratur kif ingħad, liema esebit jikkonsisti f'*envelope* mmarkat K/B/418/05, liema referenza għal xi raġuni ġiet maqtugħa u l-*envelope* ġie mmarkat S/B/284/2007. In oltre fuq l-istess *envelope* hemm *label* iffirmatha mix-Xjenzat Godwin Sammut u ħdejn il-firma, id-data tat-23 ta' Awwissu 2005, li jirriżulta mir-relazzjoni tal-istess Xjenzat illi taħbat tliet ijiem qabel huwa ħalef ir-relazzjoni tiegħu fis-26 ta' Awwissu 2005. Fuq l-istess *label*, hemm ukoll id-deskrizzjoni tal-esebit – kif fil-fatt deskritt kelma b'kelma mix-Xjenzat Godwin Sammut fit-tieni paġna tar-relazzjoni tiegħu – inkluż il-kodiċi tal-laboratorju mogħti mill-istess espert lid-dokument ossia 489_05_01 li wkoll jinsab indikat fir-relazzjoni tiegħu bħala l-kodiċi tal-laboratorju li huwa ta lill-istess esebit. Ġewwa dan l-*envelope* imbagħad kien hemm *envelope* ieħor mitwi u magħluq bit-*tape*, bil-firem preċiżament kif jidhru fir-ritratt 05 CHY 101 anness mar-relazzjoni ta' PS 1184 Patrick Grech u PS 1336 Jesmond Micallef, flimkien ma' borża tal-plastik trasparenti u karta bil-kliem 'FORENSIC SCIENCE LABORATORY – MALTA DESCRIPTION OF EXHIBIT Envelope tal-karti ffirmat, kontenenti borża żgħira tal-plastik bi trab ta' lewn kannella fiha. EXHIBIT IDENTITY MARK 05 CHY 201' kif ukoll il-kliem 'PS 1336' u l-firma ta' PS 1336 Jesmond Micallef. Taħt, fuq l-istess karta, hemm ukoll il-kliem 'LABORATORY REFERENCE FS 051559', liema referenza tidher ukoll fuq l-*envelope* li jikkontjeni r-ritratt 05 CHY 101 meħud minn PS 1184 u li jinsab anness mar-relazzjoni. Fl-*envelope* mitwi u magħluq, imbagħad hemm is-sustanza in kwistjoni.

Il-Qorti tinnota illi fir-relazzjoni konġunta ta' PS 1184 Patrick Grech u PS 1336 Jesmond Micallef jirriżulta illi huma ġew ikkonsenjati *envelope* tal-karti li kien jikkontjeni borża żgħira tal-plastik bi trab ta' lewn kannella, liema *envelope* u borża ġew iddokumentati minn PS 1336 bil-kodiċi tal-Laboratorju Forensiku 05 CHY 201, kif indikat fuq il-karta li kienet fl-*envelope* fuq imsemmi, esebit mid-Deputat Reġistratur Francis Xavier Mangion. In oltre jirriżulta mill-istess relazzjoni illi PS 1184 Patrick Grech ħa ritratt tal-*envelope* tal-karti li kien jikkontjeni l-borża tal-plastik bit-trab kannella, liema ritratt ġie dokumentat skont il-kodiċi tal-Laboratorju Forensiku bħala 05 CHY 101, li juri proprju l-istess *envelope* mitwi bil-firem fuqu u l-borża tal-plastik bit-trab kannella. Jirriżulta wkoll

illi fis-26 ta' Lulju 2005, PS 1336 għadda id-dokument 05 CHY 201 lill-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut għall-analizi tiegħu.

Mis-suespost, għalhekk m'hemmx dubbju illi d-droga esebita in atti mid-Deputat Reġistratur Francis Xavier Mangion hija l-istess droga li ġiet elevata u ffotografata minn PS 1336 u PS 1184 rispettivament u l-istess droga li ġiet analizzata mill-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut.

v. L-imputat isostni wkoll illi r-ritratti li Raymond Gerada ġie muri u illi fihom huwa identifika lill-istess imputat u lil Joseph Vella ġew esebiti fil-proċeduri kontra Gerada u għalhekk skont hu, ma għandux kontroll dwar ir-ritratti li ġie muri Gerada fl-istadju tal-inkjesta. Skont l-imputat, in oltre ma tirriżulta l-ebda informazzjoni dwar min ġibed dawn ir-ritratti u lanqas ma jirriżulta illi f'dawn ir-ritratti hemm attwalment hu u Joseph Vella.

Dwar dan il-Qorti tinnota illi r-ritratti li jagħmel referenza għalihom l-imputat huma r-ritratti li jinsabu esebiti fil-proċess verbal redatt mill-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera dwar l-istqarrija ġuramentata ta' Raymond Gerada – u illi allura jinsabu esebiti f'dawn il-proċeduri, kuntrarjament għal dak li jissottometti l-imputat. Dan ifisser illi l-imputat kellu aċċess għal dawn ir-ritratti, bħala parti fil-kawża, u kellu wkoll kull opportunita` li jistaqsi dwarhom jew jeżerċita l-kontroll tiegħu fir-rigward. Huwa evidenti fil-fehma tal-Qorti illi huwa rrilevanti min ġibed ir-ritratti tal-imputat u ta' Joseph Vella li ġew murija lil Gerada – dak li huwa relevanti f'dawn il-proċeduri huwa illi fuq l-istess ritratti, Gerada għaraf lil Christopher Schembri magħruf bħala 'ir-Rambo' bħala l-persuna li għaddietlu l-borża bit-trab kannella u lil Joseph Vella bħala l-persuna li, skont Schembri, għaliha kienet intiża din il-borża. Fir-rigward il-Qorti tinnota wkoll illi r-ritratt li, skont Gerada, juri lil Christopher Schembri, juri proprju lill-imputat Schembri u dan il-Qorti qed tgħidu għaliex ormai l-istess imputat deher quddiemha diversi drabi in konnessjoni mal-każ odjern. Fuq kollox, madankollu, il-Qorti tinnota illi Gerada indika u għaraf lill-imputat odjern bħala l-persuna li fornietu bid-droga fiż-żewġ okkażjonijiet li xehed fihom f'dawn il-proċeduri, u in oltre fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, Joseph Vella, xhud tad-difiża, jammetti illi huwa missier il-mara tal-imputat u illi l-Uffiċjal Investigatur ossia l-Uffiċjal Prosekutur f'dan il-każ kien bagħat għalih u interrogah dwar dan l-inċident.

vi. L-imputat isosnti wkoll illi għalkemm fl-inkjesta ġie nominat ċertu PS 1336, iżjed tard f'dawn il-proċeduri deher ċertu Spettur Jesmond Micallef, li ħalef ir-relazzjoni konġunta li għamlu flimkien PS 1336 u PS 1184. Skont l-imputat ma jirriżultax jekk l-Ispettur Jesmond Micallef huwiex l-

ex PS 1336. Fil-fehma tal-Qorti din is-sottomissjoni tirrazzenta l-fieragħ, bħal numru ta' sottomissjonijiet oħrajn li l-imputat ma kienx jagħmilhom li kieku fela sewwa l-atti proċesswali. Fix-xhieda tiegħu, kif diġa` ingħad, l-Ispettur Jesmond Micallef jixhed illi nhar is-26 ta' Lulju 2005, huwa kien ġie nominat bħala *Scene of Crime Officer* mill-Maġistrat Inkwirenti Dr. Miriam Hayman u mbagħad jgħaddi sabiex jesebixxi kopja tar-relazzjoni konġunta tiegħu u ta' PS 1184. Il-Qorti ma tistax tifhem għalhekk għaliex l-imputat għandu jissottometti li ma jirriżultax illi l-Ispettur Jesmond Micallef u PS 1336 Jesmond Micallef huma l-istess persuna.

vii. Illi l-imputat jissottometti wkoll illi fil-proċeduri odjerni kien hemm nuqqas fiċ-*chain of custody of evidence* u dan stante illi fl-ewwel lok ma jirriżultax lil min għadda d-droga PS 1336 Jesmond Micallef u minn fejn ġabarha u fit-tieni lok, stante illi ma jirriżultax, mix-xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma, min għaddielu d-droga misjuba fil-pussess ta' Raymond Gerada. Għaldaqstant, jissottometti l-imputat, ma jistax jingħad illi d-droga li ġiet analizzata mix-Xjenzat Godwin Sammut hija proprju l-istess droga misjuba fil-pussess ta' Gerada.

Dwar dan il-Qorti tqis illi mir-relazzjoni konġunta ta' PS 1184 Patrick Grech u PS 1136 Jesmond Micallef, jirriżulta illi dakinhar tas-26 ta' Lulju 2005, sabiex jaqdu l-inkarigu tagħhom, huma aċċedew ġewwa l-uffiċju tal-Ispettur Dennis Theuma għall-ħabta tal-9.45 a.m. Preżenti fl-uffiċju kien hemm l-Ispettur Theuma. Skont l-istess relazzjoni hemmhekk huma ġew ikkonsenjati l-*envelope* kontenenti borża żgħira tal-plastik bi trab ta' lewn kannella, li jfisser għalhekk illi kien l-Ispettur Theuma li għaddielhom dan id-dokument. Fl-istess relazzjoni, kif ingħad iżjed 'il fuq, jingħad ukoll illi dakinhar stess tas-26 ta' Lulju 2005, PS 1336 Jesmond Micallef ikkonsenja l-istess dokument – ossia 05 CHY 201 – lil Godwin Sammut, għall-analizi tiegħu.

Mill-banda l-oħra, huwa minnu illi mill-atti ma jirriżultax kif l-istess dokument wasal għand l-Ispettur Dennis Theuma. Madankollu, il-Qorti qed tqis fir-rigward illi fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, muri r-ritratt immarkat 05 CHY 101 formanti parti mir-relazzjoni ta' PS 1336 u PS 1184, PS 1404 Anthony Cutajar ossia s-surġent li ordna li ssir it-tfittxija fuq il-gwardjani tal-ħabs dakinhar tal-inċident odjern u li kien preżenti meta nstabet id-droga fil-pussess ta' Gerada, jixhed illi kien qed jagħraf id-dokument bħala dak li nstab fil-pussess tal-istess Gerada u jagħraf ukoll il-firma tiegħu fuq l-istess. Fil-fatt fuq l-*envelope* ikkonsenjat mill-Ispettur Theuma lil PS 1336 u lil PS 1184 jidhru żewġ firem, inkluż waħda ta' PC 1559 Charles Muscat, li wkoll kien preżenti għas-sejba tad-droga

in kwistjoni. Da parti tiegħu, fix-xhieda tiegħu, l-istess PC 1559 Charles Muscat ukoll jagħraf il-borża fl-istess ritratt muri lilu, bħala l-borża bit-trab kannella li nstabet fil-pussess ta' Raymond Gerada.

Għaldaqstant, il-Qorti m'għandhiex dubju illi d-droga li ġiet analizzata mill-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut u li nstabet li kienet droga eroina, kienet l-istess droga li nstabet fil-pussess ta' Raymond Gerada ġewwa l-ħabs nhar is-26 ta' Lulju 2005.

viii. L-imputat isostni wkoll fis-sottomissjonijiet tiegħu illi l-espert Dr. Steven Farrugia Sacco ma sab l-ebda rekords dwar telefonati li saru minn fuq il-*mobile phone* ta' Gerada għal *mobile phone* tal-imputat. Dan skont l-istess imputat għandu jwassal għall-prova favur it-teżi tad-difiża u ċioe` illi qatt ma saru telefonati [bejn Gerada u l-imputat odjern].

Illi dwar dan il-Qorti tqis illi għalkemm huwa minnu illi mir-relazzjoni ta' Dr. Steven Farrugia Sacco jirriżulta illi in kwantu ċ-ċellulari Nokia mudell 3310, huwa ġie nfurmat mis-soċjeta` Vodafone Malta Limited illi hija żżomm biss informazzjoni għat-tlettax-il xahar ta' qabel u illi għalhekk ma setgħetx tfornih b'informazzjoni dwar telefonati u *sms profiles* għall-perjodu bejn l-1 u l-aħħar ta' Lulju 2005[65], u in kwantu ċ-ċellulari Siemens mudell A55, huwa ġie nfurmat mill-GO mobile illi "*the registration details of pre 2007 deprovisioned numbers and pre 2007 incoming and outgoing calls and sms profiles are unavailable*"[66], l-istess relazzjoni tikkontjeni żewġ rapporti tekniċi li fihom l-informazzjoni misjuba fuq iż-żewġ ċellulari, inkluż is-*SIM cards* fl-istess ċellulari, ossia telefonati, kif ukoll messaġġi li nstabu fuq l-istess *mobile phones.*

Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, l-Ispettur Dennis Theuma ippreżenta l-*mobile phone* Nokia bħala l-*mobile phone* ta' Gerada u l-*mobile phone* Siemens bħala dak tal-imputat odjern.

Il-Qorti tinnota illi fuq il-*mobile phone* Nokia, fil-*Phone Book* jidher indikat 'Rambo' bin-numru 7900 2832 ħdejh. Jidher ukoll illi saret telefonata fuq dan in-numru nhar il-25 ta' Lulju 2005, fit-20:19:18.[67]

Mir-rapport tekniku dwar il-*mobile phone* Siemens imbagħad jirriżulta illi l-MSISDN tal-istess *mobile phone* huwa 7900 2832, kif ukoll illi fil-*Phone Book* jidher indikat 'Rejmond' bin-numru 35699212686 ħdejh. Jidher ukoll messaġġ fuq l-istess *mobile phone* li jaqra hekk:

[65] Ara Dok. F formanti parti mill-istess relazzjoni esebita a fol. 63 tal-proċess.
[66] Ara Dok. G formanti parti mill-istess relazzjoni.
[67] Ara Dok. C formanti parti mill-istess relazzjoni.

> "Ghaziz C. Schembri, il-pagament ta' LM44.48 rigward GHAJNUNA GHALL-QAGHAD ser jigi depozitat fil-kont tieghek nhar 16/07/05".

In oltre jirriżulta wkoll illi fuq l-istess *mobile phone* hemm *Missed call* minn 'Rejmond' ossia min-numru +35699212686 nhar il-25 ta' Lulju 2005 fil-16:46 u ġiet riċevuta telefonata mill-istess 'Rejmond' bin-numru msemmi fl-istess jum fit-20.33.[68]

Il-Qorti qed tqis ukoll illi mill-istqarrija rilaxxjata minn Raymond Gerada dakinhar tas-26 ta' Lulju 2005, jirriżulta illi l-istess Gerada jgħid, wara li ngħata f'idejh il-*mobile phone* tiegħu, mudell Nokia b'*cover* blu[69], illi n-numru ta' Christopher Schembri huwa 7900 2832 u illi kien niżżel dan in-numru fid-*directory* tal-*mobile phone* tiegħu taħt l-isem 'Rambo'. Jgħid in oltre illi fil-jum ta' qabel huwa ċempel lir-'Rambo' għall-ħabta tal-ħamsa neqsin għaxra ta' wara nofsinhar u illi dan ma weġbux, u mbagħad ċempillu iżjed tard filgħaxija għall-ħabta tat-8.15 p.m., meta rrispondih. Jirriżulta wkoll mill-istess stqarrija ta' Gerada illi n-numru taċ-ċellulari tiegħu kien 9921 2686.

Jirriżulta għalhekk mis-suespost:

1. Illi mill-*mobile phone* ta' Gerada ossia l-*mobile phone* Nokia bin-numru 9921 2686 jirriżulta illi dan kien jikkontjeni fil-*Phone Book* tiegħu n-numru ta' 'Rambo' ossia tal-imputat odjern, kif jgħid Gerada fl-istqarrija tiegħu, kif ukoll illi l-istess Gerada ċempel lill-imputat lejliet l-akkadut u dan proprju fil-ħin li l-istess Gerada jgħid illi ċempel lill-istess imputat ossia għall-ħabta tat-8.15 p.m.

2. Illi m'hemmx dubju illi l-*mobile phone* Siemens kien il-*mobile phone* tal-imputat odjern fiż-żmien tal-każ u dan mhux biss għaliex in-numru li pprovda Gerada tal-*mobile phone* tal-imputat jaqbel ma' dak li indika l-espert fir-relazzjoni tiegħu bħala n-numru tal-*mobile phone* Siemens, iżda għaliex dan jirriżulta wkoll mill-messaġġ li nstab fuq dan il-*mobile phone*, ċitat iżjed 'il fuq, mibgħut proprju lil 'C. Schembri'.

3. Illi n-numru tal-*mobile phone* ta' Raymond Gerada kien fil-*Phone Book* tal-istess *mobile phone* li kien jagħmel użu minnu l-imputat, kif ukoll illi fil-lejl ta' qabel, l-imputat rċieva żewġ telefonati minn dan in-

[68] Ara Dok. D formanti parti mill-istess relazzjoni.
[69] L-espert Dr. Steven Farrugia Sacco ukoll jindika fir-relazzjoni tiegħu illi l-*mobile phone* Nokia huwa ta' lewn blu.

numru – l-ewwel telefonata li għaliha l-imputat ma weġibx, u telefonata oħra iżjed tard filgħaxija li permezz tagħha l-imputat tkellem ma' Gerada, li jikkonferma proprju dak li jgħid l-istess Gerada fl-istqarrija tiegħu, inkluż dwar il-ħinijiet li fihom Gerada għamel dawn iż-żewġ telefonati.

4. Illi għalhekk mhux minnu dak li jsostni l-imputat fin-nota tiegħu u ċioe` illi qatt ma saru telefonati bejnu u bejn Gerada, kif wara kollox jammetti huwa stess fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, għalkemm hemmhekk huwa jagħti verżjoni oħra għar-raġuni għalfejn dawn saru, liema verżjoni l-Qorti sejra tikkunsidraha iżjed 'il quddiem.

ix. Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-imputat isostni wkoll in kwantu l-konklużjonijiet tal-espert Joseph Mallia, illi rriżulta illi l-impronta waħda elevata minn fuq il-borża kontenenti d-droga eroina [li nstabet fil-pussess ta' Gerada], ma kinitx taqbel ma' dik tal-imputat. Skont l-imputat allura din hija prova oħra illi ma kienx hu illi għadda l-borża bid-droga lil Gerada.

Dwar dan madankollu, il-Qorti tqis illi mhux minnu dak li l-imputat jgħid dwar il-konklużjoni tal-espert Joseph Mallia. Kif diġa` ingħad iżjed 'il fuq, l-istess espert ikkonkluda illi l-impronta li huwa eleva minn fuq il-borża in kwistjoni kienet nieqsa mill-punti karatteristiċi li jwasslu għall-komparazzjoni u identifikazzjoni u illi għalhekk, ma setgħux isiru l-eżamijiet komparattivi rikjesti bejn din l-impronta u dawk tal-imputat odjern.

Dan ifisser illi l-espert ma setax jasal għall-konklużjoni illi l-impronta kienet taqbel ma' dik tal-imputat. Naturalment lanqas ma jfisser il-kuntrarju ossia illi tali impronta ma kinitx dik tal-imputat, kif donnu jippretendi l-istess imputat. Ifisser biss illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tagħmel il-prova illi l-borża in kwisjtoni kienet fil-pussess tal-imputat tramite l-impronta diġitali elevata minn fuq l-istess borża.

L-imputat imbagħad jgħaddi sabiex jagħmel numru ta' osservazzjonijiet dwar ix-xhieda ta' Gerada u li skont hu, għandhom iwasslu sabiex il-Qorti tgħaddi sabiex tiskarta din ix-xhieda.

Fir-rigward il-Qorti ser tibda sabiex tqis id-disposizzjonijiet tal-liġi li jirregolaw xhieda ta' din ix-xorta. Huwa evidenti illi l-każ tal-Prosekuzzjoni huwa mibni, kważi interament, fuq ix-xhieda ta' Raymond Gerada, ossia kemm fuq ix-xhieda tiegħu *a tempo vergine* meta kkonferma l-istqarrija rilaxxjata minnu quddiem il-

Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera nhar is-27 ta' Lulju 2005, kif ukoll ix-xhieda tiegħu, f'żewġ okkażjonijiet, f'dawn il-proċeduri.

Illi l-Artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid illi f'kull każ, ix-xhieda ta' xhud wieħed biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie pruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 637 tal-istess Kodiċi, imbagħad, fi kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita` ta' xhud, għandu jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, jekk dik ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Ġie imbagħad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal neċessarjament għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata, imma l-ġudikant irid jara lil min ser jemmen u f'hiex ser jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena imsemmija (Qorti tal-Appell Kriminali, **<u>Il-Pulizija vs Joseph Thorne</u>**, deciza fid-9 ta' Lulju 2003).

L-Artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid ukoll illi:

> (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali meta persuna tkun xtrat jew xort'oħra kisbet jew akkwistat mediċina bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ix-xiehda ta' dik il-persuna fi proċedimenti kontra l-persuna li mingħandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-mediċina, m'għandhiex għalfejn tkun korroborata b'ċirkostanzi oħra.
>
> (2) Meta l-uniku xhud kontra l-akkużat f'xi reat kontra din l-Ordinanza jew kontra l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha li jinstema' quddiem il-ġurati jkun persuna kompliċi, il-qorti għandha tagħti direzzjoni lill-ġurija biex jiżnu x-xhieda tax-xhud b'kawtela qabel ma jserrħu fuqu u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat.

L-Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, in oltre jgħid hekk:

> Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta'vantaġġi.

Illi f'dan il-każ m'hemmx dubju illi Raymond Gerada kien allegatament kompliċi mal-imputat u dan fit-termini tal-Artikolu 42(d) tal-Kodiċi Kriminali, billi allegatament huwa ngħata d-droga mingħand l-imputat odjern sabiex idaħħalha ġewwa l-ħabs u jgħaddiha lil Joseph Vella. Lanqas ma hemm dubju illi dak li qed jiġi allegat mill-Prosekuzzjoni huwa illi Gerada kiseb jew akkwista d-droga ["*otherwise obtained or acquired*" fit-test Ingliż] mingħand l-imputat odjern fit-termini tal-Artikolu 30(1) tal-Kapitolu 101 u għalhekk ix-xhieda tiegħu m'għandhiex għalfejn tkun korroborata b'ċirkostanzi oħrajn, b'dan illi fit-termini tal-Artikolu 30(2) tal-istess Kapitolu, il-Qorti [f'dan il-każ naturalment ma tapplikax dik il-parti tal-istess disposizzjoni illi tgħid li l-Qorti għandha tagħti direzzjoni lill-ġurati] għandha tiżen ix-xhieda tax-xhud b'kawtela kbira qabel ma tistrieħ fuqha u tasal sabiex issib ħtija fl-imputat. Il-Qorti tqis għalhekk illi kuntrarjament għal dak li jissottometti l-imputat fit-tieni nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, japplikaw fil-konfront tax-xhieda mogħtija minn Gerada, kemm id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 30, kif ukoll tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, hawn fuq ċitati. Mhuwiex il-każ, kif jgħid l-imputat fin-nota tiegħu, illi d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 30 tal-Kap. 101 japplikaw biss fil-konfront ta' min ikun xtara d-droga mingħand terz li jkun biegħhielu, iżda kif diġa` ngħad tapplika wkoll fejn ix-xhud ikun, mhux neċessarjament xtara d-droga – fis-sens illi ħallas għaliha bi flus jew xort'oħra – iżda kiseb jew akkwista tali droga mingħand it-terz li kontrih jittieħdu l-proċeduri, bħal fil-każ tal-lum. In oltre ai termini tal-Artikolu 30A tal-istess Kapitolu, ix-xhieda ta' Gerada quddiem il-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera li permezz tagħha kkonferma l-istqarrija rilaxxjata minnu u x-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kif proprju huwa akkużat l-imputat odjern in kwantu huwa ġie akkużat bir-reati ta' traffikar tad-droga eroina u l-assoċjazzjoni ma' terzi persuni sabiex ibiegħ jew jitraffika d-droga eroina, salv naturalment għal dak li jingħad fl-istess artikolu dwar il-volontarjeta` ta' din ix-xhieda.

Sorvolat dan il-punt, jeħtieġ illi l-Qorti tevalwa mill-banda l-waħda x-xhieda ta' Raymond Gerada u mill-banda l-oħra x-xhieda tal-imputat odjern. Wara li l-Qorti fliet bir-reqqa ż-żewġ verżjonijiet m'għandhiex dubju illi s-sewwa tinsab fil-verżjoni mogħtija minn Gerada. Fil-fatt minkejja li kien hemm xi inkonsistenzi bejn il-verżjoni oriġinali ta' Gerada fl-istqarrija rilaxxjata minnu u sussegwentement ikkonfermatha minnu bil-ġurament, u x-xhieda sussegwenti tiegħu f'dawn il-proċeduri, fl-aħħar mill-aħħar Gerada jibqa' konsistenti fil-verżjoni tiegħu tal-akkadut u jibqa' jsostni illi kien proprju l-imputat odjern li għaddielu d-droga eroina sabiex da parti tiegħu huwa jgħaddiha lil Joseph Vella magħruf bħala l-Litz ġewwa l-ħabs, fejn Vella kien detenut bħala priġunier fiż-żmien in kwistjoni. Tqis ukoll illi wara l-laqgħa li huwa kellu mal-imputat, kif jgħid Gerada fix-xhieda tiegħu, fl-aħħar mill-aħħar kien proprju l-għada filgħodu, illi l-istess Gerada daħal ġewwa l-ħabs bid-droga eroina fil-pussess tiegħu, bl-

intiża li huwa jgħaddiha lil Joseph Vella. Veru illi kif jgħid l-imputat fin-nota tiegħu, Gerada kellu kull interess illi jixkef lil min ipprokuralu d-droga u dan sabiex ikun jista' jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda dan ma jfissirx b'daqshekk illi Gerada ma kienx qed jgħid is-sewwa. Il-Qorti dejjem tevalwa x-xhieda ta' xhud u l-kredibilita` ta' din ix-xhieda skont il-kriterji elenkati fl-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali, u dan indipendentement minn jekk dak ix-xhud ibbenefikax o meno mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tqis illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu, Gerada jgħid kif Joseph Vella talbu sabiex iċempel lill-imputat stante illi dan ried ikellmu fuq xi *mudguard* ta' karozza għat-tiswija u illi Vella tah in-numru tal-*mobile phone* tar-Rambo. Kif ingħad iżjed 'il fuq, Gerada ċempel lill-imputat darbtejn l-għada nhar il-25 ta' Lulju 2005, sakemm dan tal-aħħar wieġbu t-tieni darba li huwa ċempillu u ftehmu li jiltaqgħu ġewwa Bir id-Deheb kif fil-fatt għamlu. Hawn irid jingħad illi din il-parti tal-verżjoni ta' Gerada hija korroborata perfettament minn dak li rriżulta fuq il-*mobile phone* tal-istess imputat ossia illi fil-fatt Gerada ċempel lill-imputat darbtejn fil-25 ta' Lulju 2005 u dan proprju fil-ħinijiet li jagħmel referenza għalihom Gerada fl-istqarrija rilaxxjata minnu. M'huwiex minnu dak li jgħid l-imputat fin-nota tiegħu, u dan fis-sens illi Gerada stqarr illi Vella talbu sabiex iċempel lill-imputat mingħajr ma tah raġuni għalfejn. Veru wkoll illi fix-xhieda tiegħu tat-3 ta' Ottubru 2008, f'dawn il-proċeduri, Gerada jgħid illi Vella tah numru tat-telefon li huwa ma kienx jaf ta' min kien, u illi meta ċempel fuqu nduna li kien l-imputat, iżda apparti li jirriżulta xort'oħra mill-verżjoni oriġinali tiegħu, li ċertament hija iżjed verosimili, finalment waqt l-istess xhieda, wara li tinqralu l-istqarrija rilaxxjata minnu, huwa jerġa' jikkonfermaha bil-ġurament, kif jikkonfermaha wkoll matul ix-xhieda tiegħu tat-12 ta' Marzu 2012. Dan jgħodd ukoll għal dak li jgħid Gerada f'din l-ewwel xhieda tiegħu, fis-sens illi ma jidhirlux illi kien ingħata xi ħaġa oħra minn Gerada meta dan tah id-droga, kif ukoll illi ma kellu qliegħ ta' xejn, meta fil-fatt fl-istqarrija rilaxxjata minnu, huwa kien qal illi Gerada kien tah Lm50 flimkien mad-droga – fatt dan li jikkonfermah meta jikkonferma l-istqarrija tiegħu waqt din ix-xhieda u waqt ix-xhieda tat-12 ta' Marzu 2012 u wara li tinqaralu l-istqarrija matul din l-aħħar xhieda – "*Kif ghidt taghni LM50*"[70]. In oltre dwar dan anke qabel inqratlu l-istqarrija, f'din l-aħħar xhieda tiegħu, Gerada jgħid illi jiftakar li l-imputat kien tah xi ħaġa żgħira tal-flus, iżda ma ftakarx kemm kien l-ammont. Il-Qorti qed tqis ukoll illi minkejja illi waqt il-kontro-eżami ta' Gerada, id-difiża tipprova tqajjem dubju dwar kemm kien verament l-imputat li ltaqa' max-xhud fil-lejl in kwistjoni, u dan stante illi din il-laqgħa damet biss ftit sekondi, madankollu, kif jgħid ix-xhud fl-istqarrija rilaxxjata minnu, din ma kinitx l-ewwel u l-unika darba li Gerada ltaqa' mal-

[70] Ara a fol. 132 tal-proċess.

imputat stante illi huwa kien jafu ġewwa l-ħabs meta l-imputat kien priġunier hemmhekk u illi fil-ħabs "*Rajtu hafna drabi*"[71].

Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-verżjoni tal-imputat fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri. Dwar din ix-xhieda, il-Qorti tinnota fl-ewwel lok, illi l-imputat jikkonferma dak li jgħid Gerada fl-istqarrija rilaxxjata minnu u dan fis-sens illi l-imputat kien miżżewweġ lit-tifla ta' Joseph Vella, li fil-fehma tal-Qorti iżjed ikompli jikkorobora l-verżjoni ta' Gerada u illi kien proprju għal din ir-raġuni illi dakinhar li ltaqgħu, l-imputat għadda d-droga lil Gerada sabiex jgħaddiha lil Vella fil-ħabs. Il-Qorti qed tqis ukoll illi huwa evidenti illi l-imputat jgħid illi huwa kien iltaqa' b'kumbinazzjoni ma' Gerada barra fit-triq u wrieh il-ħsara li kellu fuq il-*mudguard* u illi sussegwentement hu u Gerada kienu jċemplu lil xulxin sabiex jiftehmu dwar dan il-*mudguard*, sempliċiment f'tentattiv fjakk sabiex jiġġustifika għaliex Gerada ċempillu darbtejn fil-jum in kwistjoni, proprju lejliet il-jum li fih Gerada nstab fil-pussess tad-droga ġewwa l-ħabs. Ċertament illi mhuwiex kredibbli dak li jgħid l-imputat fis-sens illi Gerada kien iċempillu u illi huwa kien iċempel lil Gerada sabiex jiftehmu biex jiltaqgħu dwar dan il-*mudguard* – qisu kien hemm bżonn ta' xi ħafna telefonati sabiex isir dan il-ftehim - u dan b'mod partikolari meta Gerada stess jgħid in kontro-eżami illi huwa qatt ma kellu x'jaqsam mal-imputat dwar xogħol fuq karozzi, oltre illi jgħid ukoll illi barra l-ħabs, huwa qatt ma kien iltaqa' mal-imputat, ħlief fl-okkażjoni li fiha dan tal-aħħar tah il-borża bid-droga. Il-Qorti tqis ukoll illi hija iżjed kredibbli l-verżjoni ta' Gerada meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni illi ż-żewġ telefonati minn Gerada lill-imputat saru proprju fil-jum ta' qabel li Gerada nqabad bid-droga fil-ħabs. In oltre għalkemm l-imputat jipprova jagħti l-impressjoni illi Gerada kien irrabjat għalih għaliex fiż-żmien li huwa kien il-ħabs, kien tefa' xi barmil ilma lil Gerada, fl-istess waqt jgħid illi hu u Gerada kienu jċemplu lil xulxin sabiex jiftehmu dwar it-tiswijiet fuq il-vettura tiegħu. Mela allura skont il-verżjoni tal-imputat stess, Gerada ma kienx irrabjat għalih!

Il-Qorti qed tqis ukoll illi Joseph Vella jixhed illi huwa qatt ma kellu xi jgħid ma' Gerada u illi qatt ma kellu nċidenti miegħu.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tagħha iżjed 'il fuq, il-Qorti tqis il-verżjoni ta' Raymond Gerada bħala li għandha mis-sewwa u għaldaqstant, qed tqis illi in kwantu l-imputat provda d-droga eroina lil Gerada sabiex dan idaħħalha l-ħabs għal Joseph Vella, huwa rrenda ruħu ħati tal-<u>imputazzjoni (b)</u> u dan fis-sens illi huwa forna jew ipprokura d-droga eroina.

In kwantu l-<u>imputazzjoni (a)</u>, imbagħad, l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' assoċjazzjoni ma' terzi persuni f'dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħ jew jitraffika d-

[71] Ara a fol. 140 tal-proċess.

droga eroina fit-termini tal-Artikolu 22(1)(f) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid hekk:

> 22. (1) Kull min –
>
> (f) jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jittraffika mediċina f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni, ikun ħati ta' reat kontra din l-Ordinanza.

L-Artikolu 22(1A) tal-istess Kap. 101 imbagħad jgħid hekk:

> L-assoċjazzjoni ta' persuni msemmija fil-paragrafi (d) u (f) tas-subartikolu preċedenti teżisti malli jiġu kkumbinati jew miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni għandhom jimxu.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-6 ta' Marzu 2003 fl-ismijiet **<u>The Republic of Malta vs Steven John Caddick, Philip Walker, *omissis*</u>** ingħad hekk dwar ir-reat ta' assoċjazzjoni fl-Artikolu 22(1)(f) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta:

> As pointed out by appellants, the First Court correctly stated that the three elements that had to be proved for the crime of conspiracy to result, were the agreement between two or more persons, the intention to deal in drugs and the agreed plan of action; and, as also correctly stated by the First Court, "it is irrelevant whether that agreement was ever put into practice". But the First Court then continued:
>
> "Obviously if there is evidence which shows that the agreement was put into practice, if there is evidence which shows that there was dealing in drugs in Malta, then that is a circumstance which shows that there has been this conspiracy. That this is a circumstance which proves that the conspiracy had existed. But if for argument's sake, there is no evidence that the agreement was put into actual practice, then you will still have the crime of conspiracy complete. So do not think that it is an essential element of the crime to have to prove up to the level of moral conviction that there was the actual dealing of drugs in Malta".
>
> This Court believes that the position at law was in fact misstated by the First Court, as although it is true that for the crime of conspiracy to subsist it does not have to be proved that the agreement was put into practice, the converse is not true, that is that evidence of dealing does not necessarily point to a conspiracy.

> Under our law the substantive crime of conspiracy to deal in a dangerous drug exists and is completed "from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between" two or more persons (section 22(1A) Chapter 101). Mere intention is not enough. It is necessary that the persons taking part in the conspiracy should have devised and agreed upon the means, whatever they are, for acting, and it is not required that they or any of them should have gone on to commit any further acts towards carrying out the common design. If instead of the mere agreement to deal and agreement as to the mode of action there is a commencement of the execution of the crime intended, or such crime has been accomplished, the person or persons concerned may be charged both with conspiracy and the attempted or consummated offence of dealing, with the conspirators becoming (for the purpose of the attempted or consummated offence) co-principals or accomplices. Even so, however, evidence of dealing is not necessarily going to show that there was (previously) a conspiracy, and this for a very simple reason, namely that two or more persons may contemporaneously decide to deal in drugs without there being between them any previous agreement."

Fil-każ in eżami, il-Qorti tqis illi bil-fatt illi Gerada aċċetta li jagħmel dak propost lilu mill-imputat odjern, ossia illi jdaħħal id-droga ġewwa l-ħabs għal Joseph Vella, l-istess imputat u Gerada attwalment ftehmu sabiex tiġi traffikata din id-droga ġewwa l-ħabs. Veru illi ma kienx xi ftehim dettaljat, iżda kien fattibbli, tant illi Gerada nqabad waqt li kien dieħel il-ħabs bid-droga fil-pussess tiegħu. In oltre huwa rrelevanti li l-pjan ma rnexxiex stante illi l-mezzi li bihom kellhom jimxu sabiex id-droga tasal il-ħabs lil Vella kienu ġew miftehma.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni (a) ġiet sodisfaċentement ippruvata. Madankollu, kemm fir-rigward tal-imputazzjoni (a), kif ukoll tal-imputazzjoni (b), il-Qorti ma tqisx illi għandha tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali stante illi ma jirriżultax ippruvat illi l-fatti li taw lok għar-reati li tagħhom qed jinstab ħati l-imputat seħħew f'iżjed minn okkażjoni waħda.

Finalment, l-imputat qed jiġi akkużat ukoll talli huwa reċidiv u dan b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-19 ta' April 2001, li permezz tagħha huwa ġie kkundannat sitt snin priġunerija u multa ta' għaxart elef lira (Lm10,000).

Dwar dan l-imputat jissottometti fin-nota tiegħu, illi ma saritx il-prova tal-identita` stante illi l-Prosekuzzjoni ma ressqitx il-persuna li kienet l-Uffiċjal Prosekutur f'dawk il-proċeduri sabiex jikkonferma l-identita` tal-akkużat.

Il-Qorti tqis fir-rigward illi fl-atti ta' dawn il-proċeduri, il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Repubblika ta'

Malta vs Christopher Schembri' datata 19 ta' April 2001, mil-liema jirriżulta illi l-akkużat f'dak il-każ kien ġie kkundannat mill-Qorti Kriminali (b'sentenza tat-3 ta' Frar 2000) għall-piena ta' sitt snin priġunerija u multa ta' għaxart elef Lira Maltin, konvertibbli f'sitt xhur priġunerija oħra f'każ ta' nuqqas ta' pagament skont il-liġi, kif ukoll illi jħallas lir-Reġistratur is-somma ta' mija u sittin lira u tlieta u sittin ċenteżmu (Lm160.63), rappreżentanti nofs l-ispejjeż peritali inkorsi f'dawn il-proċeduri u dan fi żmien ġimgħatejn mid-data tal-istess sentenza, liema sentenza ġiet ikkonfermatha mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Il-Qorti tqis ukoll illi għalkemm il-konnotati tal-akkużat f'dak il-każ ma jirriżultawx mill-istess sentenza, madankollu fil-verbal tas-seduta miżmuma quddiem din il-Qorti, kif diversement preseduta, fid-19 ta' Jannar 2009, ġie verbalizzat illi "*L-avukat difensur jiddikjara illi qed jezenta lill-prosekuzzjoni milli ttella' lis-Supt Neville Aquilina bhala xhud tas-sentenza esebita a fol 29 moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali datata 19 ta' April 2001*"[72], li jfisser allura illi l-imputat eżenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq il-prova tal-identita` tiegħu dwar l-istess sentenza u li kien qed jaċċetta u jaqbel illi din is-sentenza ngħatat proprju fil-konfront tiegħu.

Il-Qorti tqis madankollu illi għalkemm din is-sentenza għaddiet in ġudikat la darba ngħatat mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ma saritx il-prova mill-Prosekuzzjoni illi l-piena erogata permezz tal-istess sentenza ġiet skontata, fit-termini tal-Artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali. Għalkemm fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, l-imputat jikkonferma li huwa kien il-ħabs u illi skonta piena ta' sitt snin priġunerija qabel seħħ il-każ mertu ta' dawn il-proċeduri, baqgħet ma nġabitx il-prova illi l-multa ġiet skontata. Veru illi l-fedina penali kif aġġornata tal-imputat tindika illi l-piena ta' multa ġiet konvertita fi priġunerija, iżda din il-prova kien jeħtieġ li ssir mhux tramite l-fedina penali li tiġi redatta mill-pulizija, iżda mir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u minn rappreżentant tal-ħabs, li jikkonfermaw rispettivament illi l-multa baqgħet ma tħallsitx u illi għalhekk din ġiet konvertita f'terminu ta' priġunerija, li ġie skontat.

Għaldaqstant, il-Qorti mhux qed issib lill-imputat ħati tal-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, iżda biss ai termini tal-Artikolu 49 tal-istess Kodiċi.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi għall-fini ta' piena l-Qorti qed tqis fl-ewwel lok il-fedina penali refrattarja tal-imputat kif aġġornata sad-19 ta' April 2022, mil-liema jirriżulta illi huwa nstab ħati ta' diversi reati matul is-snin, fosthom serq aggravat, ħsara volontarja (f'żewġ

[72] Ara a fol. 94 tal-proċess.

okkażjonjiet) u involontarja, reati taħt il-Kap. 65 u l-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta (diversi drabi), reati kontravvenzjonali (diversi drabi), talli ġarr u żamm arma mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, reati taħt l-Artikoli 95 u 96 tal-Kodiċi Kriminali, talli kkaġuna offiża ħafifa (f'żewġ okkażjonijiet, f'okkażjoni minnhom b'oġġett li jaqta' u bil-ponta), talli ġarr sikkina u żammha mingħajr liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija, tentattiv ta' feriti gravi u assoċjazzjoni ma' terzi persuni sabiex ibiegħ jew jitraffika mediċina perikoluża, dwar liema l-istess imputat ingħata twissija jew twiddiba, liberazzjoni kundizzjonata, ġie kkundannat għal piena pekunjarja tlettax-il darba u ġie kkundannat għall-piena ta' priġunerija effettiva. Tqis ukoll madankollu fir-rigward illi l-aħħar reat jirrisali għas-sena 2009.

Tqis in oltre n-natura tassew serja tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati, iċ-ċirkostanzi tal-każ inkluż illi l-imputat inqeda b'uffiċjal tal-ħabs sabiex idaħħal id-droga eroina ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin ossia post intiż għar-riforma u r-rijabilitazzjoni tal-abitanti tiegħu, kif ukoll l-ammont ta' droga eroina mertu tal-istess.

Tqis ukoll illi jirriżulta mix-xhieda ta' Christie Catania, ħaddiema soċjali fi ħdan l-Aġenzija Sedqa u Dorianne Coleiro, *leader* fil-Komunita` ta' Santa Marija, illi l-imputat għamel progress f'ħajtu, inkluż fil-ġlieda tiegħu kontra l-vizzju tad-droga, b'dan illi fir-rigward il-Qorti qed tqis ulterjorment illi hawnhekk m'hijiex tippunixxi l-vizzju tad-droga tal-istess imputat, iżda r-reati serji li tagħhom qed jinstab ħati fil-każ odjern.

Tqis in oltre illi minkejja li dan il-każ jirrisali għas-sena 2005, il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha f'Jannar 2010, u illi d-dewmien eżaġerat f'dawn il-proċeduri kien ċertament dovut unikament għall-istess imputat inkluż, għalkemm mhux biss, billi apparti n-numru ta' rikorsi li huwa ntavola quddiem din il-Qorti, fil-mori ta' dawn il-proċeduri huwa pproċeda wkoll, mingħajr suċċess, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) u quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u sussegwentement anke quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Ta' min jgħid ukoll illi fis-sentenza tagħha fl-ismijiet 'Christopher Schembri vs L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija' tas-27 ta' Ottubru 2017, il-Qorti Kostituzzjonali wkoll irriteniet fil-konfront tar-rikorrenti, l-imputat tal-lum, illi:

> "28. Ferm il-premess kif ukoll l-iskorta ta' diversi rikorsi prattikament identici intavolati mir-rikorrent konsekuttivament, huwa evidenti li l-appell odjern ma huwa xejn hlief tentattiv iehor tieghu illi jkompli jtawwal il-proceduri kriminali pendenti fil-konfront tieghu ...".

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(1)(f), 22(1A) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regolament 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjajra 101.02 u l-Artikoli 17 u 49 tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lill-imputat **Christopher Schembri** ħati tal-imputazzjonijiet (a) u (b) miġjuba fil-konfront tiegħu, kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva (iżda biss fit-termini tal-Artikolu 49 u mhux tal-Artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali) u tikkundannah għall-piena ta' **tmintax-il (18) xahar priġunerija effettiva** u multa ta' **elf u ħames mitt ewro (€1,500)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsa u sebgħin ewro (€75), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konverit f'terminu ta' priġunerija skont il-liġi.

Stante illi fiż-żmien tal-każ odjern, l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali ma kienx jipprovdi għall-ħlas tal-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, liema spejjeż ġew inklużi fl-imsemmi artikolu bis-saħħa tal-Att XIII tas-sena 2005, ippubblikat nhar id-29 ta' Lulju 2005, u stante wkoll illi f'dan il-każ il-ħatra tal-esperti x-Xjenzat Godwin Sammut, PS 1336 Jesmond Micallef u PS 1184 Patrick Grech, kif ukoll il-Perit Valerio Schembri saret mill-Maġistrat Inkwirenti fl-istadju tal-inkjesta dwar dan il-każ, il-Qorti m'hijiex tikkundanna lill-ħati għall-ħlas ta' dawn l-ispejjeż. In oltre stante illi l-Prosekuzzjoni lanqas ma talbet, fiċ-ċitazzjoni odjerna, li l-imputat iħallas l-ispejjeż tal-esperti maħtura fil-mori tal-proċeduri, kif kienet tirrikjedi l-liġi fiż-żmien mertu ta' dan il-każ qabel l-emendi bis-saħħa tal-imsemmi Att XIII tas-sena 2005, il-Qorti lanqas ma qegħda tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż inkorsi għall-fini tal-inkarigu espletat mill-espert Dr. Steven Farrugia Sacco.[73]

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti bħala Dok. FX 3 hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

[73] Ir-relazzjoni tal-espert Joseph Mallia ma nċidietx fuq il-ħtija tal-imputat f'dawn il-proċeduri u għalhekk fi kwalunkwe każ, il-Qorti ma kinitx se tordna lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż konnessi mal-istess relazzjoni.